KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
HOGAN
ippreżentati fis-17 ta’ Diċembru 2020[1]

**Kawża C-896/19**

**Repubblika**
**vs**
**Il-Prim Ministru,**
**fil-preżenza ta’:**
**WY**

(Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Qorti Ċivili Prim’Awla - Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali (Malta))

“Talba għal deċiżjoni preliminari — Artikolu 2 TUE — Valuri tal-Unjoni Ewropea — Stat tad-dritt — Protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Artikolu 19 TUE — Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Indipendenza ġudizzjarja — Proċedura ta’ ħatra tal-membri tal-ġudikatura — Setgħa tal-Prim Ministru — Involviment ta’ kumitat dwar il-ħatriet tal-ġudikatura”

## I. Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tqajjem għal darba oħra kwistjonijiet importanti marbuta man-natura tal-indipendenza ġudizzjarja. B’mod iktar preċiż, id-domandi magħmula fit-talba għal deċiżjoni preliminari jeħtieġu li l-Qorti tal-Ġustizzja teżamina sa fejn il-garanziji ta’ indipendenza ġudizzjarja li jinsabu fid-dritt tal-Unjoni Ewropea għandhom impatt ukoll fuq is-sistema ta’ ħatra tal-membri tal-ġudikatura nazzjonali. B’mod partikolari, id-dritt tal-Unjoni jimponi xi restrizzjonijiet fuq il-ħatra tal-membri tal-ġudikatura mill-poter eżekuttiv?

2. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ kawża miftuħa fil-forma ta’ *actio popularis* li tinsab attwalment pendenti quddiem il-qrati Maltin. Fil-kuntest ta’ din il-kawża, qiegħed jiġi sottomess li l-proċedura ta’ ħatra tal-membri tal-ġudikatura stabbilita fil-Kostituzzjoni Maltija ma hijiex konformi, b’mod partikolari, mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar ’il quddiem il-“Karta”).

3. B’hekk, din il-kawża tagħti lill-Qorti tal-Ġustizzja opportunità ġdida sabiex teżamina l-ġurisprudenza reċenti tagħha dwar il-portata ta’ dawn id-dispożizzjonijiet u, b’mod partikolari, sabiex teżamina r-rekwiżiti tagħhom fir-rigward tal-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

MT

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

### *1. It-Trattat UE*

4. L-Artikolu 2 TUE huwa fformulat kif ġej:

"L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-non-diskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel."

5. L-Artikolu 19(1) TUE jipprovdi:

"Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha tinkludi l-Qorti tal-Ġustizzja, il-Qorti Ġenerali u l-qrati speċjalizzati. Hija għandha tara li d-dritt ikun rispettat fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tat-Trattati.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu r-rimedji meħtieġa sabiex jassiguraw protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt ta' l-Unjoni."

### *2. Il-Karta*

6. It-Titolu VI tal-Karta, intitolat "Ġustizzja", jinkludi l-Artikolu 47 tagħha, intitolat "Id-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali", li jipprovdi:

"Kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha garantiti mil-liġi ta' l-Unjoni jiġu vjolati għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Kull persuna għandha d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġjonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi. […]

[…]"

### *B. Id-dritt Malti*

7. Il-Kostituzzjoni ta' Malta tal-1964 (iktar 'il quddiem il-"Kostituzzjoni") tinkludi, fil-Kapitolu VIII tagħha, regoli ddettaljati dwar il-poter ġudizzjarju li jinkludu, b'mod partikolari, regoli dwar il-proċedura ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura. Dan il-kapitolu ġie rrevedut fl-2016, reviżjoni li kienet tinkludi l-introduzzjoni ta' Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura. Minkejja li r-rwol ta' dan il-kumitat u l-proċedura ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura ġew sostanzjalment emendati f'Lulju 2020, ir-regoli applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali huma dawn li ġejjin.

8. L-Artikolu 96 tal-Kostituzzjoni jirrigwarda l-ħatra tal-imħallfin tal-qrati superjuri. Dan l-artikolu jipprovdi:

“(1) L-Imħallfin tal-Qrati Superjuri għandhom jiġu maħtura mill-President li jaġixxi skont il-parir tal-Prim Ministru.

(2) Ħadd ma jkun kwalifikat biex ikun maħtur imħallef tal-Qrati Superjuri kemm-il darba għal perijodu ta’, jew perijodi li jammontaw b’kollox għal, mhux anqas minn tnax-il sena ma jkunx jew eżerċita bħala avukat f’Malta jew serva bħala maġistrat f’Malta, jew f’parti hekk eżerċita u f’parti hekk serva.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4), qabel ma l-Prim Ministru jagħti l-parir tiegħu skont is-subartikolu (1) dwar il-ħatra ta’ imħallef tal-Qrati Superjuri (ħlief il-Prim Imħallef) għandha tkun saret l-evalwazzjoni mill-Kumitat dwar Ħatriet fil-Ġudikatura mwaqqaf bl-artikolu 96A ta’ din il-Kostituzzjoni kif previst fil-paragrafi (ċ), (d) jew (e) tas-subartikolu (6) tal-imsemmi artikolu 96A.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3), il-Prim Ministru jkollu s-setgħa li jagħżel illi ma jsegwix ir-riżultat tal-evalwazzjoni msemmija fis-subartikolu (3):

Iżda meta wara li l-Prim Ministru jkun uża s-setgħa mogħtija lilu b’dan is-subartikolu, il-Prim Ministru jew il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għandhom:

(a) jippubblikaw fi żmien ħamest ijiem dikjarazzjoni fil-Gazzetta li tkun tħabbar id-deċiżjoni li tintuża dik is-setgħa u li tkun tagħti r-raġunijiet li wasslu għaliha; u

(b) jagħmlu stqarrija fil-Kamra tad-Deputati dwar dik id-deċiżjoni li fiha jispjegaw ir-raġunijiet li fuqhom kienet ibbażata sa mhux aktar tard mit-tieni seduta tal-Kamra li ssir wara li jkun ingħata l-parir lill-President skont is-subartikolu (1):

Iżda wkoll id-dispożizzjonijiet tal-ewwel proviso għal dan is-subartikolu ma japplikawx fil-każ illi l-ħatra tkun għall-kariga ta’ Prim Imħallef.”

9. L-Artikolu 96A tal-Kostituzzjoni jiddeskrivi r-rwol tal-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura. Dan l-artikolu huwa fformulat kif ġej:

“(1) Għandu jkun hemm Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura, hawn iżjed ’il quddiem f’dan l-artikolu msejjaħ ‘il-Kumitat’, li għandu jkun sottokumitat tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-ġustizzja mwaqqfa bl-artikolu 101A ta’ din il-Kostituzzjoni u li jkun magħmul kif ġej:

(a) il-Prim Imħallef;

(b) l-Avukat Ġenerali;

(c) l-Awditur Ġenerali;

(d) il-Kummissarju għall-Investigazzjonijiet Amministrattivi (Ombudsman); u

(e) il-President tal-Kamra tal-Avukati:

[…]

(2) Il-Kumitat għandu jkun presedut mill-Prim Imħallef jew, fl-assenza tiegħu, mill-imħallef li jkun is-sostitut tiegħu skont il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (3).

(3) (a) Persuna ma tkunx kwalifikata li tinħatar jew tkompli żżomm il-kariga ta' membru tal-Kumitat jekk tkun Ministru, Segretarju Parlamentari, Membru tal-Kamra tad-Deputati, membru ta' gvern lokali jew uffiċjal jew kandidat ta' partit politiku:

[…]

(4) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom il-membri tal-Kumitat għandhom jaġixxu skont il-ġudizzju individwali tagħhom u ma jkunux soġġetti għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra.

(5) Għandu jkun hemm Segretarju tal-Kumitat li jinħatar mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja.

(6) Il-funzjonijiet tal-Kumitat ikunu:

(a) li jirċievi u jeżamina espressjonijiet ta' interess minn persuni li jkunu interessati li jinħatru fil-kariga ta' imħallef tal-Qrati Superjuri (barra milli fil-kariga ta' Prim Imħallef) jew ta' maġistrat tal-Qrati Inferjuri, ħlief mingħand persuni li għalihom japplika l-paragrafu (e);

(b) li jżomm reġistru permanenti tal-espressjonijiet ta' interess imsemmija fil-paragrafu (a) u tal-atti relattivi għalihom, liema reġistru għandu jinżamm sigriet u għandu jkun aċċessibbli biss għall-membri tal-Kumitat, għall-Prim Ministru u għall-Ministru responsabbli għall-ġustizzja;

(ċ) li jagħmel intervisti u evalwazzjonijiet ta' kandidati għall-karigi fuq imsemmija b'dak il-mod li jidhirlu xieraq u li għal dan il-għan jitlob dik l-informazzjoni mingħand kull awtorità pubblika kif iqis illi jkun raġonevolment meħtieġ;

(d) li jagħti parir lill-Prim Ministru permezz tal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja dwar l-evalwazzjoni tiegħu fir-rigward tal-eliġibilità u l-mertu tal-kandidati biex jinħatru fil-karigi fuq imsemmija;

(e) meta mitlub mill-Prim Ministru, li jagħti parir dwar l-eliġibilità u l-mertu ta' persuni li diġà jkunu jokkupaw il-kariga ta' Avukat Ġenerali, Awditur Ġenerali, Kummissarju għall-Investigazzjonijiet Amministrattivi (Ombudsman) jew ta' maġistrat tal-Qrati Inferjuri biex jinħatru f'kariga fil-ġudikatura;

(f) li jagħti parir dwar il-ħatra għal xi kariga oħra ġudizzjarja jew fil-Qrati kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' minn żmien għal żmien jitlob:

Iżda l-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu (d) għandha ssir mhux aktar tard minn sittin jum mindu l-Kumitat jirċievi l-espressjoni ta' interess u l-parir imsemmi fil-paragrafi (e) u (f) għandu jingħata mhux aktar tard minn tletin jum minn meta jkun intalab jew f'termini oħra hekk kif il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista', bi qbil mal-Kumitat, b'ordni fil-Gazzetta jistabbilixxi.

(7) Il-proċeduri tal-Kumitat ikunu kunfidenzjali u jinżammu fil-magħluq u l-ebda membru jew segretarju tal-Kumitat ma għandu jintalab jixhed quddiem xi qorti jew korp ieħor fir-rigward ta' xi dokument riċevut jew xi ħaġa diskussa jew trasmessa lil jew mill-Kumitat.

(8) Il-Kumitat jirregola l-proċedura tiegħu stess u jkollu d-dmir li, bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, jippubblika l-kriterji li fuqhom isiru l-evalwazzjonijiet."

10. L-Artikolu 97 tal-Kostituzzjoni jipprovdi:

"(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, imħallef tal-Qrati Superjuri għandu jivvaka l-kariga tiegħu meta jagħlaq l-età ta' ħamsa u sittin sena.

(2) Imħallef tal-Qrati Superjuri ma għandux jitneħħa mill-kariga tiegħu ħlief mill-President wara indirizz mill-Kamra tad-Deputati li jkollu favur tiegħu l-vot ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-membri tagħha u li jitlob għal dik it-tneħħija minħabba inkapaċità ippruvata li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu (kemm jekk għal mard korporali jew mentali jew għal xi raġuni oħra) jew imġieba ħażina ippruvata.

(3) Il-Parlament jista' b'liġi jirregola l-proċedura għall-preżentata ta' indirizz u għall-investigazzjoni u prova dwar l-inkapaċità jew imġieba ħażina ta' mħallef tal-Qrati Superjuri skont id-dispożizzjonijiet tal-aħħar subartikolu qabel dan."

11. L-Artikolu 100 tal-Kostituzzjoni jirrigwarda l-ħatra tal-maġistrati tal-qrati inferjuri. Dan l-artikolu jistabbilixxi proċedura simili għal dik applikabbli għall-imħallfin tal-qrati superjuri:

"(1) Il-maġistrati tal-qrati inferjuri għandhom jiġu maħtura mill-President li jaġixxi skont il-parir tal-Prim Ministru.

(2) Ħadd ma jkun kwalifikat biex ikun maħtur għal jew biex jaġixxi fil-kariga ta' maġistrat tal-qrati inferjuri kemm-il darba ma jkunx eżerċita bħala avukat f'Malta għal perijodu ta', jew perijodi li jammontaw b'kollox għal, mhux anqas minn seba' snin.

(3) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, maġistrat tal-qrati inferjuri għandu jivvaka l-kariga tiegħu meta jagħlaq l-età ta' ħamsa u sittin sena.

(4) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) tal-artikolu 97 ta' din il-Kostituzzjoni għandhom jgħoddu għall-maġistrati tal-qrati inferjuri.

(5) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6), qabel mal-Prim Ministru jagħti l-parir tiegħu skont is-subartikolu (1) dwar il-ħatra ta' maġistrat tal-Qrati Inferjuri għandha tkun saret l-evalwazzjoni mill-Kumitat dwar Ħatriet fil-Ġudikatura mwaqqaf bl-artikolu 96A ta' din il-Kostituzzjoni kif previst fil-paragrafi (c), (d) jew (e) tas-subartikolu (6) tal-imsemmi artikolu 96A.

(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5), il-Prim Ministru jkollu s-setgħa li jagħżel illi ma jsegwix ir-riżultat tal-evalwazzjoni msemmija fis-subartikolu (5):

Iżda meta wara li l-Prim Ministru jkun uża s-setgħa mogħtija lilu b'dan is-subartikolu l-Prim Ministru jew il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għandhom:

(a) jippubblikaw fi żmien ħamest ijiem dikjarazzjoni fil-Gazzetta li tkun tħabbar id-deċiżjoni li tintuża dik is-setgħa u li tkun tagħti r-raġunijiet li wasslu għaliha: u

(b) jagħmlu stqarrija fil-Kamra tad-Deputati dwar dik id-deċiżjoni li fiha jispjegaw ir-raġunijiet li fuqhom kienet ibbażata sa mhux aktar tard mit-tieni seduta tal-Kamra li ssir wara li jkun ingħata l-parir lill-President skont is-subartikolu (1).”

12. L-Artikolu 101B tal-Kostituzzjoni jirrigwarda d-dixxiplina tal-imħallfin u tal-maġistrati. Dan l-artikolu jipprovdi:

“(1) Għandu jkun hemm Kumitat għall-Imħallfin u l-Maġistrati (hawn iżjed ’il quddiem imsejjaħ ‘il-Kumitat’) li għandu jkun sottokumitat tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u li għandu jkun kompost minn tliet membri tal-ġudikatura illi ma jkunux membri tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja u li għandhom jiġu eletti minn fost l-imħallfin u l-maġistrati skont regolamenti maħruġa mill-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja b’dan iżda li f’każ ta’ dixxiplina ta’ maġistrat, tnejn mit-tliet membri għandhom ikunu maġistrati filwaqt illi f’każ ta’ dixxiplina ta’ mħallef, tnejn mit-tliet membri għandhom ikunu mħallfin.

[…]

(4) Il-Kumitat għandu jeżerċita dixxiplina fuq imħallfin u maġistrati kif preskritt f’dan l-artikolu.

[…]

(15) Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom il-membri tal-Kumitat għandhom jaġixxu skont il-ġudizzju individwali tagħhom u ma jkunux soġġetti għad-direzzjoni jew kontroll ta’ xi persuna jew awtorità oħra.

[…]”

## III. Il-fatti fil-kawża prinċipali

13. Repubblika hija assoċjazzjoni li l-iskop tagħha huwa li tippromwovi l-protezzjoni tal-ġustizzja u tal-Istat tad-dritt f’Malta. Fil-25 ta’ April 2019, hija ressqet *actio popularis* quddiem il-qorti tar-rinviju li fil-kuntest tagħha qiegħda titlob dikjarazzjoni fis-sens li, bis-sistema ta’ ħatra tal-imħallfin (fil-qrati superjuri) u tal-maġistrati (fil-qrati inferjuri) li kienet fis-seħħ meta tressqet din l-azzjoni, kif irregolata mill-Artikoli 96, 96A u 100 tal-Kostituzzjoni, Malta qiegħda tikser l-obbligi tagħha taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta, kif ukoll taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f’Ruma fl-4 ta’ Novembru 1950 (iktar ’il quddiem il-“KEDB”).

14. Waqt seduta li nżammet quddiem il-qorti tar-rinviju fit-30 ta’ Ottubru 2019, ir-rikorrenti ppreċiżat li, fil-kuntest ta’ din l-azzjoni, hija kienet qiegħda tikkontesta l-ħatriet ġudizzjarji kollha li daħlu fis-seħħ fil-25 ta’ April 2019 kif ukoll kull ħatra oħra li setgħet issir wara din id-data, sakemm dawn ma jsirux skont ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-Opinjoni Nru 940/2018 tal-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tad-Dritt (iktar ’il quddiem il-“Kummissjoni ta’ Venezia”) dwar id-dispożizzjonijiet kostituzzjonali, is-separazzjoni tal-poteri

u l-indipendenza tal-ġudikatura u tal-korpi għall-infurzar tal-liġi[2] u skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta.

15. Min-naħa tiegħu, il-Prim Ministru (iktar 'il quddiem il-"konvenut") isostni li d-dritt għal rimedju effettiv u għal smigħ xieraq huwa rrispettat f'Malta. F'dan il-kuntest, il-ħatriet li daħlu fis-seħħ fil-25 ta' April 2019 saru strettament skont id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u skont id-dritt tal-Unjoni. Il-konvenut isostni li ma hemm ebda differenza bejn dawn il-ħatriet partikolari u kwalunkwe ħatra oħra ta' membru tal-ġudikatura li saret minn meta kienet ġiet ippromulgata l-Kostituzzjoni fl-1964 lil hawn, għajr għall-fatt li, b'differenza mill-ħatriet li saru qabel l-2016, il-kandidati issa jkunu s-suġġett ta' evalwazzjoni mill-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura, stabbilit fl-Artikolu 96A tal-Kostituzzjoni, fir-rigward tal-idoneità tagħhom.

16. Il-konvenut isostni wkoll li s-sistema ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura hija konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 19(1) TUE u tal-Artikolu 47 tal-Karta, kif interpretati mill-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fatt, din is-sistema tirrifletti l-mod kif jinħatru l-imħallfin fil-Qorti tal-Ġustizzja skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 253 TFUE, fejn l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf taħt l-Artikolu 255 TFUE ma hijiex vinkolanti fuq id-deċiżjoni finali meħuda mill-Gvernijiet tal-Istati Membri.

17. Il-qorti tar-rinviju tqis li l-kwistjoni prinċipali mressqa għall-istħarriġ tagħha tikkonċerna d-diskrezzjoni tal-Prim Ministru, taħt l-Artikoli 96, 96A u 100 tal-Kostituzzjoni, fil-ħatra tal-membri kollha tal-ġudikatura u jekk dan il-marġni ta' diskrezzjoni tjiebx bl-emendi kostituzzjonali tal-2016. Filwaqt li diversi aspetti mqajma minn din il-kawża ġew indirizzati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531) (iktar 'il quddiem is-"sentenza 'Indipendenza tal-Qorti Suprema'"), il-qorti tar-rinviju tqis li din il-kwistjoni għandha tiġi indirizzata fil-kuntest ta' evalwazzjoni tas-sistema fl-intier tagħha, inkluż id-dritt għal rimedju effettiv u għal smiegħ xieraq f'Malta.

18. Waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2020, il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet informata li sadanittant, f'Lulju 2020, kienu saru ċerti emendi fil-Kostituzzjoni fuq il-bażi tar-rakkomandazzjonijiet dwar is-sistema ta' ħatriet ġudizzjarji magħmula mill-Kummissjoni ta' Venezia fl-Opinjoni Nru 940/2018 tagħha. Madankollu, dawn l-emendi la jaffettwaw is-suġġett ta' din il-kawża quddiem il-qorti tar-rinviju u lanqas ma jaffettwaw, barra minn hekk, din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

## IV. It-talba għal deċiżjoni preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li, permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Novembru 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Diċembru 2019, il-Qorti Ċivili Prim'Awla – Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali (Malta) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"(1) Jekk it-tieni [subparagrafu] tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-[Karta] moqrija waħedhom jew flimkien jistgħux jitqiesu applikabbli fil-konfront tal-validità legali tal-Artikoli 96, 96A u 100 tal-Kostituzzjoni ta' Malta?

[2] CDL-AD(2018)028.

2) F'każ jekk it-tweġiba għall-ewwel mistoqsija hi fl-affermattiv, jekk is-setgħa tal-Prim Ministru fil-proċess tal-ħatra ta' membri tal-ġudikatura f'Malta, għandhiex titqies li hija konformi mal-Artikolu 19(1) TUE u mal-Artikolu 47 tal-Karta, u dan meqjus ukoll fid-dawl tal-Artikolu 96A tal-Kostituzzjoni li daħal fis-seħħ fl-2016?

3) Jekk jinstab li s-setgħa tal-Prim Ministru ma hijiex konformi, jekk dan il-fatt għandux jiġi kkunsidrat mill-ħatriet li għadhom iridu jsiru mil-lum il-quddiem jew inkella għandux jolqot ukoll ħatriet li saru qabel?"

20. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn Repubblika, mill-Gvern Belġjan, mill-Gvern Malti, mill-Gvern Olandiż, mill-Gvern Pollakk u mill-Gvern Svediż, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, dawn il-partijiet ippreżentaw sottomissjonijiet orali fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2020.

## V. Analiżi

### *A. Fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari*

21. Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-Gvern Pollakk isostni li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli taħt żewġ aspetti.

22. L-ewwel, il-Gvern Pollakk isostni li, anki li kieku d-dritt Malti jippermetti li l-partijiet fil-kuntest ta' *actio popularis* jieħdu l-inizjattiva sabiex jitolbu l-istħarriġ tal-kostituzzjonalità astratta tar-regoli fis-seħħ fl-ordinament ġuridiku nazzjonali, il-qorti tar-rinviju kienet tagħmel id-domandi tagħha lill-Qorti tal-Ġustizzja għal deċiżjoni preliminari sabiex, skont ir-risposta mogħtija, tagħti deċiżjoni dwar il-konformità astratta tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Malti mad-dritt tal-Unjoni.

23. Madankollu, il-Gvern Pollakk jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li d-deċiżjoni dwar il-konformità astratta ta' dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja taħt l-Artikoli 258 u 259 TFUE u li huma biss il-Kummissjoni jew Stat Membru ieħor li jistgħu jibdew tali proċedura. Għall-kuntrarju, l-għan waħdieni tat-talba għal deċiżjoni preliminari huwa l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, fid-dawl tal-Artikoli 258, 259 u 267 TFUE, qorti nazzjonali ma tistax tagħti deċiżjoni dwar il-konformità astratta tad-dritt nazzjonali mad-dritt tal-Unjoni fuq il-bażi tal-interpretazzjoni ta' dan id-dritt mogħtija fil-kuntest ta' proċedura għal deċiżjoni preliminari, peress li f'tali każ il-Qorti tal-Ġustizzja stess tqis li ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tistħarreġ il-konformità tad-dritt nazzjonali fil-kuntest ta' din il-proċedura.

24. Għalhekk, l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-proċedura għal deċiżjoni preliminari ma tistax tintuża sabiex tiġi deċiża tilwima bħal dik li għandha quddiemha l-qorti tar-rinviju u, għaldaqstant, din l-interpretazzjoni ma tistax titqies li hija neċessarja sabiex tiġi deċiża l-kawża prinċipali fis-sens tal-Artikolu 267 TFUE. Il-Gvern Pollakk isostni, b'mod partikolari, li interpretazzjoni kuntrarja ta' din id-dispożizzjoni twassal sabiex jiġu evitati l-Artikoli 258 u 259 TFUE u sabiex tiġi ppreġudikata l-kompetenza esklużiva tal-Qorti tal-Ġustizzja, tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri prevista f'dawn id-dispożizzjonijiet.

25. F'dan ir-rigward, huwa minnu li għandha ssir distinzjoni fir-rigward tal-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja skont jekk tkunx meħtieġa tagħti deċiżjoni preliminari jew deċiżjoni f'kawża dwar nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Filwaqt li, f'kawża dwar nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tivverifika jekk il-miżura jew il-prassi nazzjonali kkontestati mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru ieħor imorrux kontra d-dritt tal-Unjoni b'mod ġenerali, mingħajr ma jkun meħtieġ li jkun hemm tilwima rilevanti quddiem il-qrati nazzjonali, il-funzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fi proċedura għal deċiżjoni preliminari hija, għall-kuntrarju, li tgħin lill-qorti tar-rinviju ssolvi t-tilwima konkreta pendenti quddiem din tal-aħħar. Għaldaqstant, f'tali proċedura għandu jkun hemm rabta bejn din it-tilwima u d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li tagħhom tintalab l-interpretazzjoni, rabta li minħabba fiha din l-interpretazzjoni tkun oġġettivament meħtieġa sabiex tingħata deċiżjoni mill-qorti tar-rinviju [3].

26. Fil-kawża ineżami, għandu jiġi rrikonoxxut li t-tilwima fil-kawża prinċipali hija sostantivament marbuta mad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, li huwa s-suġġett tad-domandi preliminari. Għalhekk, il-qorti tar-rinviju hija meħtieġa tapplika din id-dispożizzjoni sabiex tiddetermina s-soluzzjoni sostantiva li għandha tingħata lil din it-tilwima.

27. F'dan ir-rigward, anki jekk l-Artikolu 267 TFUE ma jawtorizzax lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà ta' dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali mar-regoli legali tad-dritt tal-Unjoni jew tapplika r-regoli tad-dritt tal-Unjoni għal każ partikolari, xorta jibqa' l-fatt li huwa l-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tat-Trattati u tal-atti adottati mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Huwa għalhekk li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fil-kuntest tal-kooperazzjoni ġudizzjarja stabbilita f'dan l-artikolu u fuq il-bażi tal-elementi fil-proċess, tagħti lill-qorti nazzjonali interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tista' tkun utli għaliha fl-evalwazzjoni tal-effetti ta' dispożizzjoni jew oħra tad-dritt tal-Unjoni [4].

28. Barra minn hekk, inżid li l-fatt li l-azzjoni fil-kawża prinċipali hija *actio popularis*, li fil-kuntest tagħha r-rikorrent ma huwiex meħtieġ jipprova interess personali fis-soluzzjoni tat-tilwima, ma jipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tagħti deċiżjoni fuq domandi magħmula għal deċiżjoni preliminari. Huwa biżżejjed li l-azzjoni tkun ammissibbli taħt id-dritt nazzjonali u li d-domandi jissodisfaw bżonn oġġettiv għas-soluzzjoni tat-tilwima li biha tiġi adita debitament il-qorti tar-rinviju [5].

29. Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena tal-fehma li hemm tilwima reali quddiem il-qorti tar-rinviju u li ma hemm ebda dubju dwar ir-rilevanza tad-domandi magħmula, peress li jirrigwardaw l-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni – f'dan il-każ, tad-dritt primarju – u peress li dawn id-domandi huma speċifikament inkwistjoni fil-kawża prinċipali. Minn dan isegwi, għalhekk, li l-ewwel argument imqajjem mill-Gvern Pollakk ma huwiex rilevanti.

30. It-tieni, skont il-Gvern Pollakk, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, li jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jipprovdu r-rimedji meħtieġa sabiex jiżguraw protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, bl-ebda mod ma jbiddel is-sustanza tal-prinċipju

3 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punti 47 u 48).

4 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Jannar 2010, Transportes Urbanos y Servicios Generales (C-118/08, EU:C:2010:39, punt 23), u tad-19 ta' Novembru 2019, A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982, punt 132) (iktar 'il quddiem is-"sentenza A. K").

5 Ara, f'dan is-sens, fir-rigward ta' rimedju dikjaratorju, is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2018, Wightman *et* (C-621/18, EU:C:2018:999, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

ta' attribuzzjoni tal-kompetenzi tal-Unjoni jew il-portata tagħhom. Għall-kuntrarju, din id-dispożizzjoni hija bbażata fuq il-premessa li, fl-assenza ta' kompetenza tal-Unjoni fl-organizzazzjoni tas-sistemi ġudizzjarji, huma l-Istati Membri li għandhom jinnominaw il-qrati u li għandhom jipprevedu mekkaniżmi xierqa għall-finijiet tal-proċeduri intiżi li jħarsu d-drittijiet li l-individwi jgawdu taħt l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Għaldaqstant, ebda regola speċifika dwar il-ħatra tal-membri tal-ġudikatura jew dwar l-organizzazzjoni tal-qrati ma tista' tiġi dedotta mill-Artikolu 19(1) TUE, interpretat fid-dawl tal-Artikolu 5 TUE, moqri flimkien mal-Artikoli 3 u 4 TFUE.

31. Fir-rigward tal-Artikolu 47 tal-Karta, dan il-gvern isostni li din id-dispożizzjoni ma tapplikax fil-kawża ineżami. Repubblika ppreżentat *actio popularis*, iżda mingħajr ma invokat dritt suġġettiv li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' dak li jeżiġi l-Artikolu 51 tal-Karta, ma hemmx "implimentazzjoni" tad-dritt tal-Unjoni mill-Istat Membru kkonċernat f'din il-kawża peress li l-kwistjonijiet imqajma fit-talba għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw kwistjonijiet proċedurali nazzjonali, li r-regolamentazzjoni tagħhom taqa' kompletament taħt il-kompetenza tal-Istati Membri.

32. Il-Gvern Pollakk iżid li, fi kwalunkwe każ, ma hemmx kriterji komuni fid-dritt tal-Unjoni għall-ħatra tal-membri tal-ġudikatura li fuqhom il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tibbaża ruħha sabiex tevalwa s-sistema fis-seħħ f'Malta, u li l-Istati Membri kollha jibbażaw ruħhom fuq sistemi differenti.

33. Fil-verità, dawn l-argumenti jikkonċernaw il-kwistjoni mqajma mill-ewwel domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju. Jien għalhekk ser neżaminahom fil-kuntest tal-analiżi tiegħi ta' din l-ewwel domanda. Huwa biżżejjed li jingħad li, fil-fehma tiegħi, it-tieni motiv ta' inammissibbiltà mqajjem mill-Gvern Pollakk huwa infondat. Fil-fatt, għalkemm naqbel li l-Artikolu 47 tal-Karta ma huwiex applikabbli bħala tali fil-kawża prinċipali (peress li Malta ma hijiex qiegħda b'hekk "timplimenta" id-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51 tal-Karta), l-Artikolu 19 TUE huwa madankollu kompletament applikabbli u, bħala tali, l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni tista' tkun utli għall-qorti tar-rinviju.

34. Għaldaqstant, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li d-domandi magħmula huma ammissibbli.

### *B. Fuq l-ewwel domanda*

35. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE u l-Artikolu 47 tal-Karta għandhomx jitqiesu li huma applikabbli meta qorti nazzjonali tevalwa l-validità tal-proċedura ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura bħal dik prevista fil-Kostituzzjoni.

#### *1. Fuq l-applikabbiltà tal-Artikolu 19(1) TUE*

36. Fir-rigward tal-Artikolu 19(1) TUE, il-Qorti tal-Ġustizzja reċentement tat diversi sentenzi importanti li mingħajr dubju jippermettu li tingħata risposta fl-affermattiv għal din id-domanda.

37. Fil-fatt, kif il-Qorti tal-Ġustizzja esponiet fil-qosor fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Lulju 2020, Land Hessen (C-272/19, EU:C:2020:535), minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li "l-indipendenza tal-imħallfin tal-Istati Membri hija ta' importanza fundamentali għall-ordinament ġuridiku

tal-Unjoni Ewropea minn diversi aspetti. L-ewwel nett, hija parti mill-prinċipju tal-Istat ta' dritt, li jagħmel parti mill-valuri li fuqhom, skont l-Artikolu 2 TUE, hija bbażata l-Unjoni u li huma komuni għall-Istati Membri, kif ukoll mill-Artikolu 19 TUE, li jagħti espressjoni konkreta lil dan il-valur u jafda l-kompitu li jiġi żgurat l-istħarriġ legali f'dan l-ordinament ukoll lill-qrati nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses, C-64/16, EU:C:2018:117, punt 32). Sussegwentement, l-imsemmija indipendenza hija kundizzjoni neċessarja sabiex l-individwi jiġu ggarantiti, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, id-dritt fundamentali għal qorti indipendenti u imparzjali previst fl-Artikolu 47 tal-Karta li huwa ta' importanza fundamentali inkwantu garanti tal-protezzjoni tad-drittijiet kollha li l-individwi għandhom taħt id-dritt tal-Unjoni (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Eżami mill-ġdid Simpson vs Il-Kunsill u HG vs Il-Kummissjoni, C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2020:232, punti 70 u 71 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Fl-aħħar nett, l-imsemmija indipendenza hija essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-sistema ta' kooperazzjoni ġudizzjarja inkorporata fil-mekkaniżmu ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari previst fl-Artikolu 267 TFUE, sa fejn dan il-mekkaniżmu jista' jiġi attivat biss permezz ta' korp, inkarigat li japplika d-dritt tal-Unjoni, li jissodisfa, b'mod partikolari, dan il-kriterju ta' indipendenza (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Jannar 2020, Banco de Santander, C-274/14, EU:C:2020:17, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata)" [6].

38. Barra minn hekk, huwa stabbilit ukoll b'mod ċar li, fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, din id-dispożizzjoni tapplika għall-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, irrispettivament minn jekk l-Istati Membri jkunux qegħdin jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta [7].

39. F'dan il-kuntest, issa huwa ċar li għalkemm l-organizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, xorta waħda jibqa' l-fatt li, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, l-Istati Membri huma meħtieġa josservaw l-obbligi tagħhom taħt id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE [8]. Dan l-obbligu japplika, b'mod partikolari, fir-rigward ta' kwalunkwe korp nazzjonali li għandu s-setgħa jaqta', bħala qorti, kwistjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u li għalhekk jaqgħu fl-oqsma koperti minn dan id-dritt [9].

40. Din l-interpretazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 19(1) TUE hija sostnuta mill-oriġini u mill-kuntest tal-integrazzjoni ta' din id-dispożizzjoni fit-Trattat. Fil-fatt, l-Artikolu 19(1) TUE ġie introdott sabiex jiġi enfasizzat id-dmir tal-Istati Membri li jiggarantixxu protezzjoni ġudizzjarja effettiva meta din il-protezzjoni ma tkunx tista' tiġi offruta direttament mill-Qorti tal-Ġustizzja [10], peress li l-eżistenza stess ta' stħarriġ ġudizzjarju effettiv intiż li jiżgura

6 Punt 45.

7 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 29); "Indipendenza tal-Qorti Suprema" (punt 50); u tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punt 33).

8 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi "Indipendenza tal-Qorti Suprema", (punt 52); tal-5 ta' Novembru 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-qrati ordinarji) (C-192/18, EU:C:2019:924, punt 102); A. K. (punt 75); u tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punt 36).

9 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 40); "Indipendenza tal-Qorti Suprema" (punt 51); A. K. (punt 83); u tas-26 ta' Marzu 2020, Miasto Łowicz u Prokurator Generalny (C-558/18 u C-563/18, EU:C:2020:234, punt 34).

10 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-583/11 P, EU:C:2013:625, punti 100 u 101). Ara wkoll Krajeswki, M., u Ziółkowski, M., "EU judicial independence decentralized: A. K.", *Common Market Law Review*, Vol. 57, 2020, p. 1107 sa 1138, b'mod partikolari p. 1121.

konformità mad-dritt tal-Unjoni tagħmel parti mill-essenza tal-Istat tad-dritt[11]. Għaldaqstant, fl-assenza ta' garanziji effettivi ta' indipendenza ġudizzjarja, il-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva tad-drittijiet tal-individwi taħt id-dritt tal-Unjoni jiġi b'hekk ippreġudikat[12]. Fl-aħħar nett, jista' jiġi osservat li dan il-prinċipju, li għalih isir riferiment fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, huwa prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni mislut mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri, li ġie sanċit fl-Artikoli 6 u 13 tal-KEDB, u li issa jinstab ikkonfermat fl-Artikolu 47 tal-Karta[13].

41. F'dawn iċ-ċirkustanzi, peress li l-proċedura ta' ħatra inkwistjoni fil-kawża ineżami tapplika għall-membri kollha tal-ġudikatura Maltija, wieħed jista' jippreżumi li wħud minnhom – jekk mhux kollha – ser jintalbu neċessarjament jaqtgħu kwistjonijiet dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. Dan fih innifsu huwa għalhekk biżżejjed sabiex jiġi żgurat li dawn il-membri tal-ġudikatura, maħtura skont il-proċedura prevista fil-Kostituzzjoni, għandhom igawdu minn livelli suffiċjenti ta' indipendenza ġudizzjarja sabiex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti tal-Artikolu 19 TUE.

## *2. Fuq l-applikabbiltà tal-Artikolu 47 tal-Karta*

42. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, "[k]ull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha garantiti mil-liġi ta' l-Unjoni jiġu vjolati għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu". Mis-sentenza tas-16 ta' Mejju 2017, Berlioz Investment Fund (C-682/15, EU:C:2017:373), jirriżulta li l-applikabbiltà ta' dan l-artikolu hija suġġetta għal allegat ksur ta' dritt jew ta' libertà ggarantiti mid-dritt tal-Unjoni[14].

43. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti la qiegħda tinvoka xi ksur tad-dritt tagħha stess għal rimedju effettiv, la qiegħda tikkontesta l-indipendenza tal-qorti tar-rinviju fil-kuntest tal-azzjoni tagħha, u lanqas ma qiegħda tinvoka xi dritt speċifiku ggarantit mid-dritt tal-Unjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, għalhekk, ma naħsibx li l-Artikolu 47 tal-Karta huwa applikabbli bħala tali għall-kawża prinċipali.

44. Barra minn hekk, naqbel mal-fehma reċentement espressa mill-Avukat Ġenerali Bobek, fis-sens li huwa permess li jitwettaq "stħarriġ astratt tal-kostituzzjonalità" ta' regola nazzjonali fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta meta din ir-regola tkun ġiet adottata fil-kuntest tal-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta[15]. Madankollu, peress li l-proċedura ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura nazzjonali tagħmel parti mill-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja, din taqa', kif intqal iktar 'il fuq, taħt il-kompetenza tal-Istati Membri. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-proċedura ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura f'Malta

11 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 36). Ara wkoll, Badet, L., "À propos de l'article 19 du Traité sur l'Union européenne, pierre angulaire de l'action de l'Union européenne pour la sauvegarde de l'État de droit", *Cahiers de droit européen*, 2020, p. 57 sa 106, b'mod partikolari p. 75 u 76.

12 Ara, f'dan is-sens, Pauliat, H., "Abaissement de l'âge de la retraite des magistrats: une atteinte à l'indépendance de la justice reconnue en Pologne", *La Semaine Juridique – Édition générale*, numéro 29, 2019, p. 1424 sa 1428, b'mod partikolari p. 1427.

13 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punt 35).

14 Ara, f'dan is-sens, il-punti 44 sa 52, imqabbla mal-pożizzjoni meħuda mill-Avukat Ġenerali Wathelet fil-punti 51 sa 67 tal-konklużjonijiet fl-istess kawża (Berlioz Investment Fund, C-682/15, EU:C:2017:2). Dan ġie reċentement ikkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tas-6 ta' Ottubru 2020, État luxembourgeois (Protezzjoni ġudizzjarja kontra talbiet għal informazzjoni taħt id-dritt fiskali) (C-245/19 u C-246/19, EU:C:2020:795, punt 55).

15 Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawżi magħquda Asociația "Forumul Judecătorilor din România", SO u Asociația "Forumul Judecătorilor din România" u Asociația "Mișcarea pentru Apărarea Statutului Procurorilor" (C-83/19, C-291/19 u C-355/19, EU:C:2020:746, punti 198 sa 202, b'mod partikolari l-punt 201).

ma tissodisfax il-kundizzjoni ta' "implimentazzjoni" tad-dritt tal-Unjoni stabbilita fl-Artikolu 51(1) tal-Karta, għalkemm, kif diġà osservajt, din il-kundizzjoni ma hijiex meħtieġa sabiex ikun applikabbli l-Artikolu 19 TUE [16].

45. Madankollu, peress li l-obbligu impost fuq l-Istati Membri fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE li jistabbilixxu rimedji suffiċjenti sabiex tiġi żgurata protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni *jikkorrispondi* għad-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti previst fl-Artikolu 47 tal-Karta [17], minn dan isegwi li l-obbligi tal-Istati Membri taħt l-Artikolu 19(1) TUE huma għalhekk "riflessi", sa dan il-punt, fid-dritt individwali rrikonoxxut mill-Artikolu 47 tal-Karta [18].

46. Jien għalhekk naqbel kompletament mal-osservazzjoni magħmula mill-Avukat Ġenerali Tanchev fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawżi magħquda A. K. *et* (Indipendenza tal-Awla Dixxiplinari tal-Qorti Suprema) (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:551), li "hemm '*rabta kostituzzjonali*' bejn iż-żewġ dispożizzjonijiet, u l-ġurisprudenza li tikkonċernahom inevitabbilment tikkoinċidi" [19]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja stess diġà ddeċidiet li "t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jimponi lill-Istati Membri kollha li jistabbilixxu r-rimedji legali meħtieġa sabiex jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva, *fis-sens b'mod partikolari tal-Artikolu 47 tal-Karta*, fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni" [20].

47. F'dan il-kuntest, jiena tal-fehma li, filwaqt li l-Artikolu 47 tal-Karta ma huwiex, bħala tali, applikabbli fil-kawża prinċipali, l-Artikolu 19(1) TUE għandu madankollu jiġi interpretat *fid-dawl* tal-Artikolu 47 tal-Karta u tal-ġurisprudenza relatata miegħu.

### *3. Konklużjoni dwar l-ewwel domanda*

48. Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nikkonkludi li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, huwa applikabbli meta qorti nazzjonali tkun qiegħda tevalwa l-validità ta' proċedura ta' ħatra ta' membri tal-ġudikatura bħal dik prevista fil-Kostituzzjoni Maltija.

## *C. Fuq it-tieni domanda*

49. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 19 TUE, jekk ikun il-każ moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li bis-saħħa tagħha l-poter eżekuttiv,

[16] Ara l-punt 38 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[17] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' Mejju 2017, Berlioz Investment Fund (C-682/15, EU:C:2017:373, punt 44); tas-26 ta' Lulju 2017, Sacko (C-348/16, EU:C:2017:591, punt 30); tas-27 ta' Settembru 2017, Puškár (C-73/16, EU:C:2017:725, punt 58); u tas-6 ta' Ottubru 2020, État luxembourgeois (Protezzjoni ġudizzjarja kontra talbiet għal informazzjoni fil-qasam fiskali) (C-245/19 u C-246/19, EU:C:2020:795, punt 47).

[18] Ara, f'dan is-sens, Hofmann, H. Ch., "Article 47 – Specific Provisions (Meaning)", f'Peers, S., Hervey, T., Kenner, J. u Ward, A. (edituri), *The EU Charter of Fundamental Rights – A Commentary*, Hart Publishing, 2014, p. 1197 sa 1275, b'mod partikolari l-punt 47.50.

[19] Punt 85. Ara wkoll García-Valdecasas Dorrego, M.-J., "El Tribunal de Justicia, centinela de la independencia judicial desde la sentencia Associação Sindical dos Juízes Portugueses (ASJP)", *Revista Española de Derecho Europeo*, Vol. 72, 2019, p. 75 sa 96, b'mod partikolari p. 86.

[20] Sentenza "Indipendenza tal-Qorti Suprema" (punt 54, enfasi miżjuda). Ara wkoll, bħala eżempju tal-użu tal-Artikolu 47 tal-Karta fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 19(1) TUE, is-sentenzi tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punti 40 u 41), u tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 53, flimkien mal-punti 50 u 52).

f'dan il-każ il-Prim Ministru, igawdi minn setgħa diskrezzjonali u deċiżiv fil-proċess ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura. Din hija l-kwistjoni fundamentali mqajma minn din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

### *1. Osservazzjonijiet ġenerali dwar il-konsegwenzi tal-Artikolu 19(1) TUE, tal-Artikolu 47 tal-Karta u tal-Artikolu 6 tal-KEDB fuq il-proċeduri ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura*

50. Kif jirriżulta mill-ġurisprudenza msemmija fil-kuntest tal-analiżi tiegħi tal-ewwel domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju, meta qorti tkun tista' taqta' kwistjonijiet li jikkonċernaw l-applikazzjoni jew l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li l-membri tal-ġudikatura tiegħu jgawdu minn garanziji suffiċjenti fir-rigward tal-indipendenza u jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, konformement mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE [21].

51. Barra minn hekk, peress li l-obbligu tal-Istati Membri li jipprovdu rimedji suffiċjenti sabiex tiġi żgurata protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni skont l-Artikolu 19(1) TUE jikkorrispondi għad-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti previst fl-Artikolu 47 tal-Karta [22], għandu jitfakkar li l-Artikolu 52(3) tal-Karta jipprovdi li, sa fejn il-Karta tinkludi drittijiet li jikkorrispondu għal drittijiet iggarantiti mill-KEDB, is-sens u l-portata tagħhom għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti fil-KEDB.

52. Kif jirriżulta b'mod ċar mill-Ispjegazzjonijiet dwar l-Artikolu 47 tal-Karta, li, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 6(1) TUE u l-Artikolu 52(7) tal-Karta, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-interpretazzjoni tal-Karta, l-ewwel u t-tieni paragrafi tal-Artikolu 47 tal-Karta jikkorrispondu għall-Artikolu 6(1) u għall-Artikolu 13 tal-KEDB.

53. F'dan ir-rigward, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta li l-għan tal-introduzzjoni tal-espressjoni "mwaqqaf b'liġi" fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB huwa li jiġi żgurat li l-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja ma tkunx tiddependi sempliċement mid-diskrezzjoni bla limiti tal-poter eżekuttiv, u li l-istabbiliment tas-sistema tal-qrati u l-ħatra tal-membri tal-ġudikatura jkunu rregolati minn leġiżlazzjoni adegwata. Għaldaqstant, ma hemm l-ebda dubju li d-dritt għal qorti "imwaqqfa b'liġi" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB jinkludi, min-natura tiegħu stess, aspetti tal-proċess ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura [23]. Madankollu, fil-prattika, ir-restrizzjonijiet imposti f'dan ir-rigward permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali normalment ikunu limitati u jikkonċernaw kwistjonijiet bħall-eliġibbiltà għall-ħatra, il-promozzjoni fi ħdan is-sistema ġudizzjarja, u limiti ta' età.

54. Għandu jiġi rrilevat ukoll li, għalkemm il-prinċipju ta' separazzjoni tal-poteri bejn l-eżekuttiv u l-ġudikatura ngħata importanza dejjem tikber fil-ġurisprudenza tagħha, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem issostni li la l-Artikolu 6 u lanqas xi dispożizzjoni oħra tal-KEDB ma jeżiġu li l-Istati jadottaw mudell kostituzzjonali partikolari li jirregola b'mod jew ieħor

[21] Ara, f'dan is-sens, Badet, L., "À propos de l'article 19 du Traité sur l'Union européenne, pierre angulaire de l'action de l'Union européenne pour la sauvegarde de l'État de droit", *Cahiers de droit européen*, 2020, p. 57 sa 106, b'mod partikolari p. 63, 64 u 72; Bonellli, M., u Claes, M., "Judicial serendipity: how Portuguese judges came to rescue of the Polish judiciary", *European Constitutional Law Review*, Vol. 14, 2018, p. 622 sa 643, b'mod partikolari p. 635.

[22] Ara, f'dan is-sens, il-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17.

[23] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Eżami mill-ġdid Simpson u HG vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2020:232, punti 73 u 74, u l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iċċitata).

ir-relazzjoni u l-interazzjoni bejn id-diversi fergħat tal-Istat. L-Artikolu 6 tal-KEDB lanqas ma jeżiġi li dawn l-Istati jikkonformaw ma' xi kunċetti kostituzzjonali teoretiċi dwar il-limiti permissibbli ta' tali interazzjoni[24]. F'dan ir-rigward, filwaqt li numru kbir ta' Stati Membri għandhom jew kunsill ġudizzjarju – iddefinit bħala korp indipendenti, stabbilit bil-liġi jew taħt il-kostituzzjoni nazzjonali tagħhom, intiż li jħares l-indipendenza tal-ġudikatura u tal-membri individwali tal-ġudikatura u għalhekk li jippromwovi l-funzjonament effiċjenti tas-sistema ġudizzjarja[25] – jew, bħal fil-każ ta' Malta u ta' xi pajjiżi oħra, kumitat dwar il-ħatriet tal-ġudikatura[26], għandu jiġi rrikonoxxut li l-kompożizzjoni u l-kompetenzi tagħhom ivarjaw b'mod kunsiderevoli[27].

55. Madankollu, għandu jiġi osservat li s-sempliċi fatt li l-membri tal-ġudikatura jinħatru minn membru tal-poter eżekuttiv ma joħloqx *fih innifsu* relazzjoni ta' subordinazzjoni bejn tal-ewwel u tat-tieni u lanqas ma jqajjem dubji dwar l-imparzjalità tal-ewwel, jekk – u din hija riżerva kruċjali – *ladarba jinħatru*, il-membri tal-ġudikatura ma jkunux suġġetti għal influwenza jew pressjoni fit-twettiq tal-kompitu tagħhom[28]. Madankollu, hemm eċċezzjoni waħda għal dan. Kif tirrikonoxxi l-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Marzu 2020, Eżami mill-ġdid Simpson u HG vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2020:232), l-Artikolu 19 TUE jidħol fix-xena f'sitwazzjoni fejn membru partikolari tal-ġudikatura jkun inħatar b'mod invalidu u fejn din l-irregolarità tant tkun gravi li tkun ħolqot riskju konkret li, fi kliem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-poter eżekuttiv ikun seta' b'hekk jipperikola l-integrità tal-proċess ta' ħatra[29]. Minn dan għalhekk jirriżulta li għandu jkun hemm mekkaniżmu li bih ħatra ġudizzjarja *illegali* – b'mod partikolari meta l-membru tal-ġudikatura inkwistjoni kien legalment ineliġibbli għall-ħatra – tkun tista' tiġi rrevokata legalment.

56. Madankollu, jista' jingħad li, bl-eċċezzjoni tal-każ partikolari u mhux tas-soltu ta' membri tal-ġudikatura maħtura b'mod invalidu deskritt fis-sentenza Simpson, l-Artikolu 19(1) TUE *essenzjalment* iħares 'il quddiem, sa fejn jikkonċerna l-protezzjoni tal-indipendenza ġudizzjarja ladarba jinħatar il-membru tal-ġudikatura.

57. F'dan ir-rigward, huwa inutli li jiġi miċħud li l-politika kellha rwol – u xi drabi anki rwol deċiżiv – fil-ħatra ta' membri tal-ġudikatura f'ħafna sistemi legali, inklużi dawk f'ħafna Stati Membri. Hawnhekk huwa biżżejjed li jsir riferiment għall-esperjenza ta' tnejn mill-iktar qrati prominenti u ta' influwenza fid-dinja – jiġifieri l-Qorti Suprema tal-Istati Uniti tal-Amerika u l-Qorti Kostituzzjonali Ġermaniża – li l-membri tagħhom kienu kważi kollha assoċjati ma' partiti

24 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza A. K. (punt 130), u l-ġurisprudenza tal-Qorti EDB ċċitata). Ara, għal applikazzjoni reċenti oħra ta' dan il-prinċipju, Qorti EDB, 6 ta' Novembru 2018, Ramos Nunes de Carvalho e Sá vs Il-Portugall (CE:ECHR:2018:1106JUD005539113, punt 144); u EDB, 1 ta' Diċembru 2020, Guðmundur Andri Ástráðsson vs l-Islanda (CE:ECHR:2020:1201JUD002637418, punt 215).

25 Definizzjoni ta' "council for judiciary" ("kunsill għall-ġudikatura") mogħtija fil-punt 26 tar-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12 ("Judges: independence, efficiency and responsibilities") adottata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fis-17 ta' Novembru 2010 (iktar 'il quddiem ir-"Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)12").

26 Ara, b'mod ġenerali, Caroll McNeill, J., *The Politics of Judicial Selection in Ireland*, Four Courts Press, Dublin, 2016.

27 Ara wkoll, f'dan is-sens, Bobek, M., u Kosař, D., "Global Solutions, Local Damages: A Critical Study in Judicial Councils in Central and Eastern Europe", *German Law Journal*, Vol. 19, Nru 7, 2020, p. 1257 sa 1292, b'mod partikolari p. 1267 u 1268.

28 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza A. K. (punt 133). Ara wkoll, fl-istess sens iżda b'rabta mar-rwol tal-awtoritajiet leġiżlattivi fil-proċess ta' ħatra ta' membru tal-ġudikatura, is-sentenza tad-9 ta' Lulju 2020, Land Hessen (C-272/19, EU:C:2020:535, punt 54).

29 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Eżami mill-ġdid Simpson u HG vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-542/18 RX-II u C-543/18 RX-II, EU:C:2020:232, punt 75).

politiċi partikolari u ma' tradizzjonijiet politiċi partikolari[30]. Politiċi u ex politiċi jistgħu jkunu anki membri *ex officio* ta' qrati kostituzzjonali ta' Stati Membri (bħal fi Franza[31]) jew bis-saħħa tal-liġi li tirregola l-qorti (bħal fil-każ tal-Qorti Kostituzzjonali Belġjana[32]), jew minħabba li jkunu eletti minn membri ta' parlament (bħal pereżempju fil-Ġermanja[33] jew, bħalma huwa parzjalment il-każ, fl-Italja[34]), jew ħafna drabi sempliċement jinħatru tradizzjonalment bħala membri ta' dawn il-qrati. Minkejja dan, ma hemm ebda dubju li dawn il-qrati kollha aġixxew konsistentement b'mod indipendenti fil-konfront tal-fergħat l-oħra tal-gvern.

## *2. Fuq is-sentenza "Indipendenza tal-Qorti Suprema" u fuq is-sentenza A. K.*

58. Dan iwassalna direttament għall-kwistjoni ta' x'inhuwa kopert mill-kunċett ta' indipendenza ġudizzjarja. Illum 'il ġurnata huwa stabbilit li r-rekwiżit li l-qrati jkunu indipendenti għandu żewġ aspetti. L-ewwel aspett, ta' natura esterna, jeżiġi li l-qorti kkonċernata teżerċita l-funzjonijiet tagħha b'mod kompletament awtonomu, mingħajr ma tkun suġġetta għal xi restrizzjoni ġerarkika, mingħajr ma tkun suġġetta għal xi korp ieħor u mingħajr ma tieħu ordnijiet jew istruzzjonijiet minn kwalunkwe sors, u li għalhekk tkun protetta minn interventi jew pressjoni esterni li jkunu jistgħu jaffettwaw il-ġudizzju indipendenti tal-membri tagħha u jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tagħhom. It-tieni aspett, ta' natura interna, huwa marbut mal-imparzjalità u huwa intiż li jiżgura li tinżamm distanza ugwali mill-partijiet fil-proċedura u mill-interessi rispettivi tagħhom fir-rigward tas-suġġett ta' din il-proċedura. Dan l-aspett jeżiġi oġġettività u l-assenza ta' kwalunkwe interess fl-eżitu tal-proċedura għajr l-applikazzjoni strett tad-dispożizzjoni legali[35].

59. Għalkemm hawnhekk il-kwistjoni tal-imparzjalità ġudizzjarja ma hijiex direttament inkwistjoni, dan huwa xorta waħda kunċett marbut mill-qrib mal-kunċett ta' indipendenza istituzzjonali. Il-kwistjoni ta' indipendenza istituzzjonali kienet ġiet eżaminata b'mod konsistenti f'sensiela ta' deċiżjonijiet kemm tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li jmorru lura għas-sentenza importanti tat-28 ta' Ġunju 1984, Campbell u Fell vs Ir-Renju Unit (CE:ECHR:1984:0628JUD000781977), kif ukoll, iktar reċentement, f'sensiela ta' deċiżjonijiet ewlenin tal-Qorti tal-Ġustizzja li jistgħu jmorru lura għas-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117).

[30] Dan kien ukoll il-każ għal ċerti sistemi legali/ġudizzjarji oħra. Ara, pereżempju, Caroll McNeill, J., *The Politics of Judicial Selection in Ireland*, Four Courts Press, Dublin, 2016, p. 107 sa 110. F'ġenerazzjonijiet preċedenti, il-politika tal-partiti kellha rwol importanti ħafna fis-sistema Britannika ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura. B'hekk, f'ittra lil-Lord Chancellor Halsbury f'Settembru 1897, il-Prim Ministru Britanniku ta' dak iż-żmien (l-Earl of Salisbury) tkellem mingħajr riżervi dwar l-"unwritten law of our party system […] that party claims should always weigh very heavily in the disposal of the highest legal appointments […] Perhaps it is not an ideal system – some day no doubt [senior judges] will be appointed by competitive examination in the Law Reports, but it is our system for the present […]" (Heuston, R., *Lives of the Lord Chancellors 1885-1940*, Oxford, 1964, p. 52).

[31] Skont l-Artikolu 56(2) tal-Kostituzzjoni ta' Franza, l-ex Presidenti tar-Repubblika huma membri tal-Conseil constitutionnel (il-Kunsill Kostituzzjonali) għal għomorhom.

[32] Skont l-Artikolu 34(1) u (2) tal-Liġi Speċjali tas-6 ta' Jannar 1989 dwar il-Qorti Kostituzzjonali, sabiex jinħatru fil-Qorti Kostituzzjonali, nofs l-imħallfin għandhom ikunu kienu membri tas-Senat, tal-Kamra tar-Rappreżentanti jew ta' Parlament Komunitarju jew Reġjonali għal mill-inqas ħames snin.

[33] Skont l-Artikolu 94 tal-Grundgesetz (il-Liġi Fundamentali), nofs il-membri tal-Qorti Kostituzzjonali Federali għandhom jiġu eletti mill-Bundestag (il-Parlament Federali, il-Ġermanja) u nofs mill-Bundesrat (il-Kunsill Federali, il-Ġermanja). Dawn ma jistgħux ikunu membri tal-Bundestag, tal-Bundesrat, tal-Gvern Federali jew ta' xi wieħed mill-korpi korrispondenti ta' Land.

[34] Skont l-Artikolu 135 tal-Kostituzzjoni tal-Italja, il-Qorti Kostituzzjonali għandha tkun komposta minn ħmistax-il imħallef, li terz minnhom jinħatru mill-President tar-Repubblika, terz mill-Parlament f'seduta konġunta u terz mill-qrati supremi ordinarji u amministrattivi.

[35] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tad-19 ta' Settembru 2006, Wilson (C-506/04, EU:C:2006:587, punti 49 sa 52), u A. K. (punti 121 u 122, u l-ġurisprudenza ċċitata).

60. Sa fejn il-parti l-kbira ta' din il-ġurisprudenza hija miġbura u esposta fil-qosor fis-sentenza "Indipendenza tal-Qorti Suprema" u fis-sentenza A. K., għall-finijiet tagħna jista' jkun biżżejjed li jiġi eżaminat sempliċiment il-kunċett ta' indipendenza kif diskuss mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dawn iż-żewġ sentenzi. Nipproponi li nibda b'analiżi tas-sentenza A. K.

61. Fis-sentenza A. K. tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat li:

"123 Dawn il-garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità jirrikjedu l-eżistenza ta' regoli, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-istanza, tal-ħatra, tat-tul tal-kariga kif ukoll tal-kawżi ta' astensjoni, ta' rikuża u ta' revoka tal-membri tagħha, li jippermettu li jiġi eskluż kull dubju leġittimu, f'moħħ l-individwi, fir-rigward tal-impermeabbiltà tal-imsemmija istanza fir-rigward ta' elementi esterni u fir-rigward tan-newtralità tagħha fil-konfront tal-interessi inkwistjoni (sentenzi tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja), C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 66 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll [is-sentenza 'Indipendenza tal-Qorti Suprema'], punt 74).

124 Barra minn hekk, konformement mal-prinċipju ta' separazzjoni tal-poteri li huwa karatteristika tal-funzjonament ta' Stat tad-dritt, għandha tiġi ggarantita l-indipendenza tal-qrati fil-konfront tal-poter leġiżlattiv u tal-poter eżekuttiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Poltorak, C-452/16 PPU, EU:C:2016:858, punt 35).

125 F'dan id-dawl, huwa meħtieġ li l-imħallfin ikunu protetti kontra interventi jew pressjonijiet esterni li jistgħu jipperikolaw l-indipendenza tagħhom. Ir-regoli msemmija fil-punt 123 ta' din is-sentenza għandhom, b'mod partikolari, jippermettu li tiġi eskluża mhux biss kull influwenza diretta, fil-forma ta' struzzjonijiet, iżda wkoll il-forom ta' influwenza iktar indiretta li jistgħu jiggwidaw id-deċiżjonijiet tal-imħallfin ikkonċernati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza ['Indipendenza tal-Qorti Suprema'], punt 112 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[...]

127 Skont ġurisprudenza stabbilita [tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem], sabiex jiġi stabbilit jekk qorti hijiex "indipendenti", fis-sens tal-imsemmi Artikolu 6(1), għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, b'mod partikolari, l-mod tal-ħatra u t-tul tal-mandat tal-membri tagħha, l-eżistenza ta' protezzjoni kontra l-pressjonijiet esterni u l-kwistjoni ta' jekk il-korp ikkonċernat għandux dehra ta' indipendenza (Qorti EDB, 6 ta' Novembru 2018, Ramos Nunes de Carvalho e Sá vs Il-Portugall, CE:ECHR:2018:1106JUD005539113, punt 144 u l-ġurisprudenza ċċitata), filwaqt li huwa speċifikat, fir-rigward ta' dan il-punt tal-aħħar, li din il-kwistjoni tikkonċerna l-fiduċja stess li kull qorti għandha tispira fl-individwi f'soċjetà demokratika (ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 21 ta' Ġunju 2011, Fruni vs Is-Slovakkja, CE:ECHR:2011:0621JUD000801407, punt 141).

[...]

129 Kif enfasizzat repetutament il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, dawn il-kunċetti ta' indipendenza u ta' imparzjalità oġġettiva huma marbuta mill-qrib ma' xulxin, u dan ġeneralment iwassal sabiex jiġu eżaminati flimkien (ara, b'mod partikolari, Qorti EDB, 6 ta' Mejju 2003, Kleyn *et* vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, CE:ECHR:2003:0506JUD003934398, punt 192 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tas-6 ta' Novembru 2018, Ramos Nunes de Carvalho e Sá vs Il-Portugall, CE:ECHR:2018:1106JUD005539113, punt 150 u l-ġurisprudenza ċċitata). Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sabiex tittieħed deċiżjoni dwar l-eżistenza ta'

raġunijiet għal dubji dwar jekk dawn ir-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' imparzjalità oġġettiva kinux issodisfatti f'kawża partikolari, il-perspettiva ta' parti għandha tittieħed inkunsiderazzjoni iżda ma għandhiex rwol deċiżiv. L-element determinanti huwa jekk it-tħassib inkwistjoni jistax jitqies li huwa oġġettivament iġġustifikat (ara, b'mod partikolari, Qorti EDB, 6 ta' Mejju 2003, Kleyn *et* vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, CE:ECHR:2003:0506JUD003934398, punti 193 u 194 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata, u 6 ta' Novembru 2018, Ramos Nunes de Carvalho e Sá vs Il-Portugall, CE:ECHR:2018:1106JUD005539113, punti 147 u 152 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata)."

62. Fl-istess sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat ukoll li l-fatt li ċerti mħallfin "inħatru mill-President tar-Repubblika ma huwiex ta' natura li joħloq dipendenza min-naħa ta' dawn tal-aħħar fil-konfront tiegħu u lanqas ma huwa ta' natura li joħloq dubji dwar l-imparzjalità tagħhom jekk, ladarba maħtura, il-persuni kkonċernati ma jkunu suġġetti għal ebda pressjoni u ma jirċevux istruzzjonijiet fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom"[36]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi wissiet li "jibqa' meħtieġ li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet sostantivi u l-modalitajiet proċedurali tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ta' ħatra jkunu tali li ma jkunux jistgħu joħolqu, f'moħħ l-individwi, dubji leġittimi dwar l-impermeabbiltà tal-imħallfin ikkonċernati fir-rigward ta' elementi esterni u fir-rigward tan-newtralità tagħhom fil-konfront tal-interessi li jkunu inkwistjoni, ladarba jinħatru l-imħallfin ikkonċernati"[37]. F'dan id-dawl, huwa importanti, b'mod partikolari, li dawn il-kundizzjonijiet sostantivi u l-modalitajiet proċedurali jitfasslu b'mod li jiżgura li l-imħallfin ikunu protetti minn interventi jew pressjoni esterni li jkunu jistgħu jippreġudikaw l-indipendenza tagħhom[38].

63. Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi osservat li l-eżistenza ta' Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura (magħruf bħala l-"KRS"), li kien jagħti parir lill-President Pollakk dwar l-idoneità ta' kandidati partikolari sabiex jinħatru membri tal-ġudikatura, kienet tikkontribwixxi sabiex tagħmel il-proċess iktar oġġettiv u trasparenti, bil-kundizzjoni iżda li "l-imsemmi korp ikun huwa nnifsu suffiċjentement indipendenti mill-poter leġiżlattiv u mill-poter eżekuttiv u mill-awtorità li quddiemha jkun meħtieġ iressaq tali proposta ta' ħatra (ara, b'analoġija, is-sentenza ['Indipendenza tal-Qorti Suprema'], punt 116)"[39]. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet billi għamlet riferiment għal kriterji li permezz tagħhom il-qorti tar-rinviju setgħet tevalwa hija stess l-indipendenza tal-KRS.

64. Il-Qorti tal-Ġustizzja esprimiet sentimenti simili fis-sentenza "Indipendenza tal-Qorti Suprema" tagħha. Madankollu, huwa meħtieġ li jiġi eżaminat l-isfond tal-kawża li wasslet għal din is-sentenza sabiex ikunu jistgħu jinftiehmu sew il-kuntest u l-portata tal-kummenti sussegwentement magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza A. K. dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet sostantivi u l-modalitajiet proċedurali li jirregolaw l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet ta' ħatra jkunu tali li ma jkunux jistgħu joħolqu, f'moħħ l-individwi, dubji leġittimi dwar l-impermeabbiltà tal-imħallfin ikkonċernati fir-rigward ta' elementi esterni.

65. Il-kawża li wasslet għas-sentenza "Indipendenza tal-Qorti Suprema" kienet tikkonċerna proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu mressqa mill-Kummissjoni, li kienet qiegħda ssostni li ċerti dispożizzjonijiet ta' liġi Pollakka li kienu jippermettu lill-President tar-Repubblika tal-Polonja jiddeċiedi jekk imħallef partikolari kellux jitħalla jibqa' fil-kariga wara l-età normali tal-irtirar kienu jiksru l-garanziji ta' indipendenza. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, filwaqt li

[36] Punt 133.

[37] Punt 134.

[38] Ara, f'dan is-sens, il-punt 135, li jirreferi għall-punt 125 ikkwotat iktar 'il fuq.

[39] Punt 138.

deċiżjonijiet dwar l-età tal-irtirar tal-membri tal-ġudikatura jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, meta jagħżlu tali mekkaniżmu dawn l-Istati Membri huma obbligati jiżguraw li b'hekk ma tkunx kompromessa l-indipendenza ġudizzjarja.

66. Il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad kompliet billi qalet li l-fatt li l-"President tar-Repubblika għandu s-setgħa li jiddeċiedi jekk jagħtix jew le tali estensjoni eventwali ma huwiex biżżejjed waħdu sabiex [jiġi konkluż] li kien hemm ksur ta' dan il-prinċipju. Madankollu, huwa importanti li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet sostantivi u l-modalitajiet proċedurali li jirregolaw l-adozzjoni ta' tali deċiżjonijiet ikunu tali li ma jkunux jistgħu jagħtu lok għal dubji leġittimi f'moħħ il-partijiet fil-kawża, dwar l-impermeabbiltà tal-imħallfin ikkonċernati fir-rigward tal-fatturi esterni u tan-newtralità tagħha fir-rigward tal-interessi kkonċernati"[40].

67. Il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad ikkonstatat li l-leġiżlazzjoni l-ġdida li tirregola l-Qorti Suprema Pollakka ma kinitx konformi ma' dawn ir-rekwiżiti sa fejn id-deċiżjoni jekk tingħatax tali estensjoni "issa hija suġġetta għal deċiżjoni mill-President tar-Repubblika li hija ta' natura diskrezzjonali, peress li l-adozzjoni tagħha, bħala tali, ma hijiex suġġetta għal kwalunkwe kriterju oġġettiv u verifikabbli, u li ma għandhiex tkun immotivata. Barra minn hekk, tali deċiżjoni ma tistax tkun is-suġġett ta' rimedju ġudizzjarju"[41].

68. Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura Pollakk kien meħtieġ jagħti parir lill-President tar-Repubblika qabel ma huwa jadotta d-deċiżjoni tiegħu – proċess li ċertament ikkontribwixxa sabiex tiżdied l-oġġettività ta' din il-proċedura – xorta jibqa' l-fatt li l-liġi ma kienet tipprevedi ebda mekkaniżmu li kien jirrikjedi li l-opinjoni ta' dan il-korp tingħataw"fuq il-bażi ta' kriterji kemm oġġettivi kif ukoll rilevanti u tkun debitament immotivata, b'tali mod li tkun kapaċi [tkun kapaċi tagħti informazzjoni oġġettiva lil] din l-awtorità fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha"[42].

69. Il-Qorti tal-Ġustizzja fl-aħħar nett ikkonkludiet li n-natura ta' din is-setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-President Pollakk li jestendi l-età tal-irtirar għal imħallfin speċifiċi kienet ta' natura li "tagħti lok għal dubji leġittimi, b'mod partikolari f'moħħ il-partijiet fil-kawża, fir-rigward tal-impermeabbiltà tal-imħallfin ikkonċernati fir-rigward tal-fatturi esterni u tan-newtralità tagħhom f'relazzjoni mal-interessi li x'aktarx jiltaqgħu magħhom"[43].

### *3. Fuq il-konklużjonijiet li għandhom jinstiltu mis-sentenza A. K. u mis-sentenza "Indipendenza tal-Qorti Suprema"*

70. X'konklużjonijiet jistgħu jinstiltu minn dawn iż-żewġ sentenzi importanti? Mis-sentenza A. K. (u mill-ġurisprudenza preċedenti) jirriżulta li la d-dritt tal-Unjoni u lanqas, fil-fatt, il-KEDB ma jimponu xi forma ddeterminata *a priori* ta' garanziji istituzzjonali maħsuba sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tal-membri tal-ġudikatura. Madankollu, dak li huwa importanti huwa, l-ewwel, li l-membri tal-ġudikatura għandhom ikunu ħielsa minn kull relazzjoni ta' subordinazzjoni jew kontroll ġerarkiku mill-poter eżekuttiv u mill-poter leġiżlattiv u, it-tieni, li l-membri tal-ġudikatura għandhom igawdu minn garanziji konkreti maħsuba li jipproteġuhom minn tali pressjonijiet esterni.

[40] Punt 111.

[41] Punt 114.

[42] Punt 116.

[43] Punt 118.

71. F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa biss jekk wieħed minn dawn l-aspetti tal-proċedura tal-ħatra tal-membri tal-ġudikatura jkollu difett ta' natura u ta' gravità tali li joħloq riskju reali li fergħat oħra tal-Istat – b'mod partikolari l-poter eżekuttiv – ikunu jistgħu jeżerċitaw setgħa diskrezzjonali indebita permezz ta' ħatra li tmur kontra l-liġi, u b'hekk jippreġudikaw l-integrità tar-riżultat tal-proċess ta' ħatra (u b'hekk jingħata lok għal dubju raġonevoli f'moħħ l-individwi dwar l-indipendenza u l-imparzjalità tal-membru jew tal-membri tal-ġudikatura kkonċernati), li l-proċedura ta' ħatra inkwistjoni tista' tmur kontra l-Artikolu 19(1) TUE[44].

72. Għandu jitfakkar ukoll li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità tal-qrati tal-Istati Membri ma jeħtiġux biss regoli dwar il-ħatra tal-membri ta' dawn il-qrati, iżda jeħtieġu wkoll regoli dwar il-kompożizzjoni tal-istanza, it-tul tal-kariga, il-kawżi ta' astensjoni, ta' rikuża u ta' revoka tal-membri tagħha, sabiex jiġi eskluż kull dubju raġonevoli, f'moħħ il-partijiet fil-kawża, fir-rigward tal-impermeabbiltà ta' din l-istanza fir-rigward ta' elementi esterni u fir-rigward tan-newtralità tagħha fil-konfront tal-interessi inkwistjoni quddiemha[45]. Fil-fatt, dawn il-kriterji huma importanti daqs il-proċedura ta' ħatra nnifisha għaliex ir-"rekwiżit ta' indipendenza tal-qrati jagħmel parti mill-kontenut essenzjali tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, li għandu importanza kardinali sa fejn jiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet kollha li l-individwi jgawdu taħt id-dritt tal-Unjoni u l-ħarsien tal-valuri komuni għall-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 2 TUE, u b'mod partikolari tal-valur tal-Istat tad-dritt"[46].

73. Dan kollu jfisser li l-membri tal-ġudikatura għandhom igawdu minn awtonomija finanzjarja fil-konfront tal-poter eżekuttiv u tal-poter leġiżlattiv, b'tali mod, pereżempju, li s-salarji tagħhom ikunu jirriflettu n-natura tal-funzjonijiet ġudizzjarji tagħhom. Dan ifisser ukoll li dawn is-salarji ma għandhomx jitnaqqsu (ħlief mit-tassazzjoni ġeneralment applikabbli) matul il-mandat tagħhom. Madankollu, huwa possibbli għal Stat Membru li jnaqqas is-salarji tal-membri tal-ġudikatura bħala parti minn miżura ta' emerġenza fil-qasam tat-tnaqqis tal-ispejjeż, bil-kundizzjoni li dan it-tnaqqis japplika b'mod ġenerali fi ħdan is-servizz pubbliku kollu, li t-tnaqqis ikun proporzjonat u li l-livelli tas-salarji inizjali jiġu stabbiliti mill-ġdid wara li tkun għaddiet il-kriżi fiskali li tiġġustifika din il-miżura[47].

74. B'mod iktar importanti, karatteristika essenzjali tal-indipendenza ġudizzjarja hija li l-membri tal-ġudikatura għandhom jibbenefikaw ukoll minn protezzjoni suffiċjenti kontra t-tkeċċija, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet debitament iġġustifikati[48]. Barra minn hekk, id-deċiżjoni li jitkeċċa membru tal-ġudikatura – kemm jekk din id-deċiżjoni tittieħed mill-poter eżekuttiv waħdu jew wara proċedura ta' tneħħija mill-poter leġiżlattiv – għandha, bħala prinċipju, tkun

44 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2020, Eżami mill-ġdid Simpson u HG vs Il-Kunsill u Il--Kummissjoni (C-542/18 RX II u C-543/18 RX II, EU:C:2020:232, punt 75).

45 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 66); tal-24 ta' Ġunju 2019, Indipendenza tal-Qorti Suprema (punt 74); tal-5 ta' Novembru 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-qrati ordinarji) (C-192/18, EU:C:2019:924, punt 111); A. K. (punt 123); tal-21 ta' Jannar 2020, Banco de Santander (C-274/14, EU:C:2020:17, punt 63); tas-26 ta' Marzu 2020, Eżami mill-ġdid Simpson u HG vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-542/18 RX II u C-543/18 RX II, EU:C:2020:232, punt 71), u tad-9 ta' Lulju 2020, Land Hessen (C-272/19, EU:C:2020:535, punt 52). Għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ara Qorti EDB, 18 ta' Ottubru 2018, Thiam vs Franza (CE:ECHR:2018:1018JUD008001812, punt 59), u tas-6 ta' Novembru 2018, Ramos Nunes de Carvalho e Sá vs Il-Portugall (CE:ECHR:2018:1106JUD005539113, punt 144).

46 Sentenzi tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 48). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi "Indipendenza tal-Qorti Suprema" (punt 58); tal-5 ta' Novembru 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-qrati ordinarji) (C-192/18, EU:C:2019:924, punt 106); A. K. (punt 120), u tas-26 ta' Marzu 2020, Eżami mill-ġdid Simpson u HG vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-542/18 RX II u C-543/18 RX II, EU:C:2020:232, punt 71).

47 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117, punti 45 sa 51).

48 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza "Indipendenza tal-Qorti Suprema" (punt 76), u s-sentenza tal-21 ta' Jannar 2020, Banco de Santander (C-274/14, EU:C:2020:17, punti 58 sa 60).

tista' tiġi suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju. Fin-nuqqas ta' dan, il-garanziji ta' indipendenza ġudizzjarja ftit li xejn ikollhom valur jekk il-poter eżekuttiv jew il-poter leġiżlattiv ikunu jistgħu jistaħbew wara silenzju mingħajr skrutinju u jsostnu li kwalunkwe deċiżjoni li jitneħħa membru tal-ġudikatura ma tkunx tista' tiġi mistħarrġa minn qorti, u dan għaliex f'tali każ ma jkun hemm xejn li jwaqqaf it-tneħħija ta' membru tal-ġudikatura għal raġuni li ma tkunx raġuni ġġustifikata[49].

75. Fl-aħħar nett, ir-rekwiżit ta' indipendenza jfisser ukoll li s-sistema dixxiplinari li tirregola lil dawk li l-kompitu tagħhom huwa li jaqtgħu tilwim għandu jkollha l-garanziji neċessarji sabiex jiġi evitat kull riskju li tintuża bħala sistema ta' kontroll politiku tal-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji. Regoli li jiddefinixxu, b'mod partikolari, kemm l-aġir li jikkostitwixxi ksur dixxiplinari u kemm is-sanzjonijiet effettivament applikabbli, li jipprevedu l-involviment ta' korp indipendenti konformement ma' proċedura li tiggarantixxi b'mod sħiħ id-drittijiet stabbiliti fl-Artikoli 47 u 48 tal-Karta, b'mod partikolari d-drittijiet tad-difiża, u li jistabbilixxu l-possibbiltà li d-deċiżjonijiet tal-korpi dixxiplinari jiġu kkontestati permezz ta' proċeduri legali, jikkostitwixxu ġabra ta' garanziji li huma essenzjali sabiex titħares l-indipendenza tal-ġudikatura[50].

76. Ħarsa lejn il-proċeduri ta' ħatriet ġudizzjarji attwalment viġenti fl-Istati Membri turi li hemm diversità fl-approċċi u fis-sistemi ta' ħatra. Kif diġà indikajt, ma hemm xejn, la fl-Artikolu 19 TUE u lanqas fl-Artikolu 47 tal-Karta (u lanqas, barra minn hekk, fl-Artikolu 6 tal-KEDB), li jista' jinftiehem li jimponi uniformità f'dan ir-rigward. Punt wieħed, iżda, huwa ċar: il-membri tal-ġudikatura huma maħtura u mhux eletti. Dan ifisser li, f'Unjoni bbażata fuq il-valuri tad-demokrazija u tal-Istat tad-dritt taħt l-Artikolu 2 TUE, il-membri tal-ġudikatura ma humiex – u ma jistgħux jinżammu – demokratikament responsabbli u lanqas ma jistgħu jingħataw xi rwol fit-tfassil tal-politika.

77. Dan kollu għandu, min-naħa tiegħu, implikazzjonijiet għall-indipendenza ġudizzjarja. B'hekk, il-garanziji istituzzjonali li tkellimt dwarhom huma maħsuba sabiex jiġi żgurat li l-membri tal-ġudikatura juru l-indipendenza meħtieġa mill-poter eżekuttiv u mill-poter leġiżlattiv, mhux biss bil-kliem iżda wkoll bil-fatti. Madankollu, lil hinn mill-garanziji istituzzjonali meħtieġa, forsi l-iktar karatteristika kruċjali tal-indipendenza ġudizzjarja hija wkoll l-iktar waħda eluživa. Peress li l-membri tal-ġudikatura ma għandhomx mandat demokratiku, huma għalhekk għandhom juru indipendenza mis-sempliċi preferenzi politiċi u twemmin politiku suġġettiv personali tagħhom u, b'hekk, jibqgħu fidili lejn l-impenn solenni tagħhom li japplikaw il-liġi b'mod razzjonali b'riferiment għal prinċipji legali stabbiliti u mingħajr biża' jew pjaċiri.

### *4. Fuq l-importanza relattiva ta' korp indipendenti fil-proċedura ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura u fuq il-garanziji eżistenti fil-Kostituzzjoni ta' Malta*

78. Huwa minnu li, kif irrikonoxxut fis-sentenza "Indipendenza tal-Qorti Suprema", l-eżistenza ta' korpi indipendenti bħal kunsill ġudizzjarju nazzjonali jew kumitat dwar il-ħatriet ġudizzjarji tista' tikkontribwixxi sabiex jiġi żgurat li l-proċedura tal-ħatriet ġudizzjarji (jew, bħal f'dik il-kawża, l-estensjoni tal-mandat ta' mħallef partikolari) tkun oġġettiva u trasparenti. Bħala tali, għalhekk, l-eżistenza ta' tali korpi tista' tkun mixtieqa ħafna fiha nnifisha. Madankollu, mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza A. K. jirriżulta b'mod ċar li l-eżistenza tagħhom ma tagħmilx parti mill-kontenut essenzjali tal-indipendenza ġudizzjarja meħtieġa

[49] Ara, b'analoġija, is-sentenza "Indipendenza tal-Qorti Suprema" (punt 114); Qorti EDB, 23 ta' Ġunju 2016, Baka vs L-Ungerija (CE:ECHR:2016:0623JUD002026112, punt 121), u Qorti EDB, 6 ta' Novembru 2018, Ramos Nunes de Carvalho e Sá vs Il-Portugall (CE:ECHR:2018:1106JUD005539113, punti 212 sa 214).

[50] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, Minister for Justice and Equality (Nuqqasijiet tas-sistema ġudizzjarja) (C-216/18 PPU, EU:C:2018:586, punt 67).

mill-Artikolu 19 TUE flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta. Qiegħed ngħid dan minkejja li, fis-sentenza "Indipendenza tal-Qorti Suprema", il-Qorti tal-Ġustizzja tkellmet dwar l-importanza "li jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet sostantivi u l-modalitajiet proċedurali li jirregolaw l-adozzjoni ta' tali deċiżjonijiet [ta' ħatra] ikunu tali li ma jkunux jistgħu jagħtu lok għal dubji leġittimi"[51] dwar l-indipendenza tal-imħallfin partikolari kkonċernati. Madankollu, kif għadna kemm rajna, dawn il-kummenti saru fir-rigward ta' ħatra li *estendiet* il-mandat f'kariga ġudizzjarja u *mhux* fir-rigward tal-ħatra ġudizzjarja stess. Għaldaqstant, għandu jerġa' jingħad li l-Artikolu 19(1) TUE essenzjalment iħares 'il quddiem sa fejn huwa intiż li jiżgura li l-membri tal-ġudikatura, ladarba maħtura, igawdu minn garanziji suffiċjenti ta' indipendenza ġudizzjarja.

79. Sabiex wasalt għal din il-konklużjoni ma injorajtx il-fatt li, fis-sentenza A. K., il-Qorti tal-Ġustizzja tenniet dan il-kliem[52] fil-kuntest ġenerali tal-ħatriet ġudizzjarji. Madankollu, ma naħsibx li b'hekk il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-intenzjoni, mingħajr żviluppi ulterjuri, li tissuġġerixxi, pereżempju, li s-sempliċi fatt li persuna li preċedentement kellha rabtiet mill-qrib ma' partit politiku partikolari jew ma' tradizzjoni politika partikolari sussegwentement inħatret membru tal-ġudikatura kien biżżejjed, *fih innifsu*, sabiex jixħet dubju dwar l-indipendenza ta' dan il-membru tal-ġudikatura għall-finijiet tal-Artikolu 19(1) TUE wara l-ħatra tiegħu f'din il-pożizzjoni. Sa dan il-punt, għalhekk, jiena għadni ma iniex konvint li l-Artikolu 19(1) TUE jħares lura, biex ngħid hekk, lejn il-pożizzjoni fis-seħħ *qabel* il-ħatra tal-membru tal-ġudikatura inkwistjoni.

80. Jiena lanqas ma injorajt il-fatt li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem reċentement ikkonstatat ksur tal-Artikolu 6(1) tal-KEDB f'kawża li daħlet inkwistjoni l-legalità ta' proċess ta' ħatra ta' membri tal-ġudikatura[53]. Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li din il-konstatazzjoni ma saritx minħabba li l-Ministru għall-Ġustizzja ma kinitx ħatret kandidati proposti mill-kumitat indipendenti kompetenti ta' esperti – kif seta' jsir taħt id-dritt nazzjonali. Għall-kuntrarju, din il-konstatazzjoni saret minħabba li l-Ministru għall-Ġustizzja ma kinitx issostanzjat b'mod suffiċjenti d-deċiżjoni tagħha li ma timxix mal-evalwazzjoni magħmula minn dan il-kumitat billi naqset milli twettaq eżami indipendenti taċ-ċirkustanzi rilevanti tal-kandidati għal dawn il-pożizzjonijiet ġudizzjarji u billi naqset milli tipprovdi raġunijiet adegwati għad-deċiżjoni tagħha li ma timxix mar-rakkomandazzjoni tal-kumitat ta' esperti, li, kif kienet diġà kkonstatat il-Qorti Suprema tal-Islanda, kien jikkostitwixxi ksur tad-dritt nazzjonali Islandiż. Skont il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, dan kien jikkostitwixxi ksur serju li kien jaffettwa l-essenza stess tad-dritt għal "qorti stabbilita bil-liġi"[54].

81. Madankollu, il-kunsiderazzjonijiet kruċjali jibqgħu dwar jekk, minn perspettiva oġġettiva, membru tal-ġudikatura nazzjonali jgawdix minn garanziji suffiċjenti ta' indipendenza istituzzjonali u minn protezzjoni kontra t-tneħħija mill-kariga b'tali mod li – kif osservat il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza A. K. – dan il-membru tal-ġudikatura jkun jista' jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu b'mod li jkun kompletament awtonomu u ħieles minn kwalunkwe subordinazzjoni għal direzzjoni jew kontroll mill-poter eżekuttiv jew mill-poter leġiżlattiv.

51 Punt 111.

52 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza A. K. (punt 134).

53 Ara Qorti EDB, 1 ta' Diċembru 2020, Gutrouvés mundur Andri Ástráðsson vs L-Islanda (CE:ECHR:2020:1201JUD002637418).

54 Qorti EDB, 1 ta' Diċembru 2020, Guðmundur Andri Ástráðsson vs L-Islanda (CE:ECHR:2020:1201JUD002637418, punti 254 u 263 sa 267). Għal finijiet ta' kompletezza, għandu jingħad li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kkonstatat ukoll li l-Parlament kien kiser ir-regoli dwar il-votazzjoni applikabbli fir-rigward tal-proċedura ta' ħatra inkwistjoni (ara l-punt 271).

82. Għalkemm fl-aħħar mill-aħħar l-evalwazzjoni ta' dawn il-kwistjonijiet għandha titwettaq mill-qorti tar-rinviju, jidher li, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 97 u 100 tal-Kostituzzjoni, il-membri tal-ġudikatura effettivament igawdu minn salvagwardji kunsiderevoli kontra t-tneħħija mill-kariga, ħlief fil-każ ta' inkapaċità jew imġiba ħażina. Fir-rigward tal-protezzjoni mit-tneħħija mill-kariga tal-imħallfin u tal-maġistrati f'Malta, il-Kostituzzjoni tipprovdi li dawn għandhom jivvakaw il-kariga tagħhom meta jagħlqu l-età ta' 65 sena u ma jistgħux jitneħħew qabel jilħqu din l-età, ħlief mill-President wara indirizz mill-Kamra tad-Deputati li jkollu favur tiegħu l-vot ta' mhux inqas minn żewġ terzi tal-membri tagħha u li jitlob għal dik it-tneħħija minħabba inkapaċità ppruvata li jaqdu l-funzjonijiet tal-kariga tagħhom (kemm jekk għal mard korporali jew mentali jew għal xi raġuni oħra) jew minħabba imġiba ħażina ppruvata[55].

83. Barra minn hekk, is-sistema dixxiplinari applikabbli skont il-Kostituzzjoni tidher li toffri l-garanziji neċessarji sabiex jiġi evitat kull riskju li tintuża bħala sistema għal kontroll politiku tal-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji. Fil-fatt, il-korp li għandu kompetenza esklużiva sabiex jeżerċita dixxiplina fuq l-imħallfin u l-maġistrati huwa sottokumitat tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja kompost minn tliet membri tal-ġudikatura eletti minn fost l-imħallfin u l-maġistrati, li għandhom jaġixxu skont il-ġudizzju individwali tagħhom u li ma humiex suġġetti għad-direzzjoni jew il-kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra[56]. Barra minn hekk, l-Artikolu 101B tal-Kostituzzjoni jipprevedi proċedura li tiggarantixxi li l-imħallef jew il-maġistrat li kontrih jinfetħu proċeduri jkollu l-opportunità jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu u li jinstema' waqt smigħ, bl-assistenza ta' avukat jew ta' prokuratur legali. L-istess dispożizzjoni tiddefinixxi wkoll l-aġir li jikkostitwixxi ksur suġġett għal miżuri dixxiplinari b'riferiment għall-Kodiċi tal-Etika għall-Membri tal-Ġudikatura u s-sanzjonijiet effettivament applikabbli.

84. Huwa minnu li, b'differenza mill-kostituzzjonijiet ta' ċerti Stati Membri oħra[57], il-Kostituzzjoni ta' Malta ma fihiex dikjarazzjoni espliċita fis-sens li l-membri tal-ġudikatura għandhom ikunu indipendenti fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tista' tqis li dan huwa neċessarjament impliċitu fil-kliem tal-Artikolu 97 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Fi kwalunkwe każ, l-assenza ta' tali garanzija espliċita ma hijiex fatali fiha nnifisha jekk, kif jidher li huwa l-każ, il-membri tal-ġudikatura Maltin mill-bqija jgawdu minn garanziji istituzzjonali u kostituzzjonali b'saħħithom oħra maħsuba sabiex tiġi promossa l-indipendenza ġudizzjarja.

85. Dan jgħodd ukoll sa fejn hija kkonċernata l-awtonomija finanzjarja. Skont il-Gvern Malti, l-imħallfin u l-maġistrati f'Malta jirċievu remunerazzjoni li hija konformi mal-ogħla skala tas-salarju fis-servizz pubbliku Malti, b'tali mod li ma jidhirx li l-awtonomija finanzjarja tal-membri tal-ġudikatura Maltin hija mhedda. Lanqas ma hemm xi inferenza li dawn is-salarji kienu jew jistgħu jiġu mittiefsa b'mod li jista' jhedded l-indipendenza ġudizzjarja.

55 Ara l-Artikolu 97(1) u (2) tal-Kostituzzjoni fil-każ tal-imħallfin tal-qrati superjuri u l-Artikolu 100(3) u (4) tal-Kostituzzjoni fir-rigward tal-maġistrati tal-qrati inferjuri.

56 Ara l-Artikolu 101B(1) u (15) tal-Kostituzzjoni.

57 Ara, pereżempju, l-Artikolu 97(1) tal-Liġi Fundamentali Ġermaniża tal-1949; l-Artikolu 104(1) tal-Kostituzzjoni tal-Italja; l-Artikolu 203 tal-Kostituzzjoni tal-Portugall; u l-Artikolu 35.4.1 tal-Kostituzzjoni tal-Irlanda tal-1937.

### 5. *Kummenti finali dwar l-Opinjoni Nru 940/2018 tal-Kummissjoni ta' Venezia*

86. Qabel ngħaddi sabiex nikkonkludi dwar it-tieni domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju, huwa meħtieġ li nikkunsidra l-impatt tal-Opinjoni Nru 940/2019 tal-Kummissjoni ta' Venezia fuq din il-kawża. Fil-fatt, parti essenzjali mill-kawża tar-rikorrenti hija msejsa fuq ir-rakkomandazzjonijiet magħmula f'din l-opinjoni.

87. L-ewwel, ir-rikorrenti tinvoka l-Opinjoni Nru 940/2019 tal-Kummissjoni ta' Venezia insostenn tal-azzjoni tagħha sabiex tiġi ddikjarata invalida l-proċedura ta' ħatra ġudizzjarja kkontestata b'riferiment għall-Artikolu 19(1) TUE. F'din l-opinjoni, il-Kummissjoni ta' Venezia osservat li l-emendi kostituzzjonali tal-2016, li introduċew il-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura, kienu pass fid-direzzjoni t-tajba, iżda ma jiżgurawx kompletament l-indipendenza ġudizzjarja, u li kienu meħtieġa passi ulterjuri [58].

88. Għalkemm għandha manifestament valur kbir meta tiġi evalwata l-validità ta' proċedura ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura fir-rigward tar-rekwiżiti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, tali opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezia ma tistax, madankollu, titqies li taqta' l-kwistjoni tal-legalità għall-finijiet tal-Artikolu 19(1) TUE. Kif osserva reċentement l-Avukat Ġenerali Bobek, "[*b*]*ħala kwistjoni tad-dritt tal-Unjoni*, dawn ir-rapporti huma […] sors utli ta' informazzjoni" [59]. Fil-fatt, l-analiżi tal-Kummissjoni ta' Venezia hija essenzjalment analiżi politika, għalkemm immexxija minn analiżi legali u politika avvanzata. L-Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezia hija intiża li tintlaħaq sistema ideali. Huwa fid-dawl ta' dan il-għan li l-Kummissjoni ta' Venezia għamlet *rakkomandazzjonijiet* għat-titjib tas-sistema ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura fis-seħħ f'Malta, li jikkonċernaw, fost oħrajn, il-kompożizzjoni tal-Kumitat dwar il-Ħatriet Ġudizzjarji u s-saħħa vinkolanti tal-proposta li dan għandu jagħmel lill-President ta' Malta (u mhux lill-Prim Ministru) [60].

89. Kif indika ex Membru tal-Kummissjoni ta' Venezia, l-istandards ta' azzjoni ddeterminati mill-Kummissjoni ta' Venezia għandhom ukoll iħarsu l-libertà ta' għażla u l-marġni ta' diskrezzjoni tal-pajjiżi inkwistjoni. Għaldaqstant, l-opinjonijiet tagħha ma jistgħux jiġu espressi fil-forma ta' regoli riġidi, anki jekk il-flessibbiltà ta' ċerti standards tista' tkun parzjalment korretta permezz ta' konvenzjonijiet internazzjonali bħalma hija l-KEDB meta jkunu inkwistjoni l-istruttura u l-indipendenza tal-ġudikatura [61]. Kif indikat il-Kummissjoni ta' Venezia stess fl-Opinjoni Nru 940/2018 tagħha, ma hemmx "mudell" wieħed li jkun konformi b'mod ideali mal-prinċipju ta' separazzjoni tal-poteri u li jiżgura l-indipendenza sħiħa tal-ġudikatura [62].

90. It-tieni, il-proposti tal-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura ma humiex vinkolanti skont il-Kostituzzjoni tal-2016 u jidher li d-deċiżjonijiet ta' ħatra ma humiex meqjusa li jistgħu jiġu mistħarrġa mill-qrati Maltin. Fil-fatt, f'dan ir-rigward nosserva li, kif ikkonferma r-rappreżentant tal-Gvern Malti matul is-seduta, attwalment f'Malta hija disponibbli biss l-*actio popularis*. Madankollu, kif osservat Repubblika b'reazzjoni għal dan, dan ir-rimedju huwa sempliċement mezz sabiex tiġi kkontestata l-kostituzzjonalità ta' *liġi* u ma hijiex proċedura li tippermetti skrutinju tal-validità ta' ħatra ġudizzjarja *individwali*. Jekk xi darba tqum il-kwistjoni ta' mħallef

58 Opinjoni Nru 940/2018, punt 43.

59 Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawżi magħquda Asociația "Forumul Judecătorilor din România", SO u Asociația "Forumul Judecătorilor din România" u Asociația "Mișcarea pentru Apărarea Statutului Procurorilor" (C-83/19, C-291/19 u C-355/19, EU:C:2020:746, punt 170).

60 Opinjoni Nru 940/2018, punt 44.

61 Ara, f'dan is-sens, Bartole, S., "Final remarks: the role of the Venice Commission", *Review of Central and East European Law*, Vol 3, 2000, p. 351 sa 363, b'mod partikolari p. 355.

62 Opinjoni Nru 940/2018, punt 30.

individwali maħtur b'mod illegali, f'dan il-każ il-qrati Maltin ikunu obbligati, taħt l-Artikolu 19(1) TUE, li jipprovdu rimedju adegwat sabiex jiġi żgurat li din il-ħatra tkun tista' tiġi kkontestata b'mod effettiv. Peress li sal-lum il-ġurnata ma jidhirx li qatt qamet kwistjoni bħal din quddiem il-qrati Malti, huwa forsi inutli li nikkunsidrawha f'iktar dettall, dejjem sakemm ma tqumx, xi darba, tali kwistjoni. Barra minn hekk, jekk il-Prim Ministru xi darba jagħżel li ma jimxix mal-proposta tal-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura, huwa jkun obbligat, skont il-Kostituzzjoni, li jagħti r-raġunijiet għall-għażla tiegħu f'dikjarazzjoni ppubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali u li jagħmel dikjarazzjoni fil-Kamra tad-Deputati fiż-żmien stipulat sabiex jispjega l-għażla tiegħu li ma jimxix mar-rakkomandazzjoni[63].

91. Barra minn hekk, l-Artikolu 96A(4) tal-Kostituzzjoni jiggarantixxi li, fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom, il-membri tal-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura jaġixxu skont il-ġudizzju individwali tagħhom u ma humiex suġġetti għad-direzzjoni jew għall-kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra. Barra minn hekk, il-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura jagħti l-parir tiegħu fuq il-bażi ta' kriterji stabbiliti f'deċiżjoni li tiġi ppubblikata, kif jeżiġi l-Artikolu 96A(8) tal-Kostituzzjoni[64] u l-ħatriet huma bbażati fuq kriterji oġġettivi – bħalma hija l-esperjenza bħala avukat – stabbiliti fil-Kostituzzjoni[65].

92. Għalhekk, fl-aħħar mill-aħħar, l-Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezia tista' titqies fis-sens li tagħmel rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' sistema iktar sħiħa ta' trasparenza u ta' sistema ta' ħatra ġudizzjarja bbażata fuq il-mertu. Għalkemm dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jkunu mixtieqa fihom infushom, il-fatt li s-sistema Maltija ma tissodisfax kompletament dawn l-istandards ma jfissirx, fih innifsu, li l-membri tal-ġudikatura Maltin ma jgawdux, teoretikament u konkretament, minn garanziji ta' indipendenza li huma suffiċjenti sabiex jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti tal-Artikolu 19 TUE.

## *6. Konklużjoni dwar it-tieni domanda*

93. Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nikkonkludi li l-Artikolu 19(1) TUE, interpretat fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, ma jipprekludix dispożizzjonijiet kostituzzjonali nazzjonali li bis-saħħa tagħhom il-poter eżekuttiv jew wieħed mill-membri tiegħu, bħall-Prim Ministru, ikollu rwol fil-proċess ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura.

94. Għalkemm ma huwiex, *ex ante*, preskrittiv, la fir-rigward tal-kundizzjonijiet partikolari tal-ħatra u lanqas fir-rigward tan-natura tal-garanziji partikolari li jgawdu l-membri tal-ġudikatura tal-Istati Membri, l-Artikolu 19(1) TUE, interpretat fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, xorta waħda jeżiġi, bħala minimu, li dawn il-membri tal-ġudikatura jgawdu minn garanziji ta' indipendenza. Dak li huwa importanti għall-finijiet tal-Artikolu 19 TUE huwa li l-membri tal-ġudikatura għandhom ikunu ħielsa minn kwalunkwe relazzjoni ta' subordinazzjoni jew kontroll ġerarkiku mill-poter eżekuttiv jew mill-poter leġiżlattiv. Il-membri tal-ġudikatura għandhom igawdu minn awtonomija finanzjarja fil-konfront tal-poter eżekuttiv u mill-poter

[63] Ara l-Artikolu 96(4) tal-Kostituzzjoni fil-każ tal-imħallfin tal-qrati superjuri u l-Artikolu 100(6) tal-Kostituzzjoni fil-każ tal-maġistrati tal-qrati inferjuri.

[64] Skont l-Artikolu 96A(8) tal-Kostituzzjoni, il-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura "jirregola l-proċedura tiegħu stess u jkollu d-dmir li, bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, jippubblika l-kriterji li fuqhom isiru l-evalwazzjonijiet". Dawn il-kriterji huma disponibbli fuq is-sit internet tal-Ministru għall-Ġustizzja (https://justice.gov.mt/en/justice/Pages/criteria-for-appointment-to-the-judiciary.aspx).

[65] Ara l-Artikolu 96(2) tal-Kostituzzjoni fil-każ tal-imħallfin tal-qrati superjuri u l-Artikolu 100(2) tal-Kostituzzjoni fil-każ tal-maġistrati tal-qrati inferjuri.

leġiżlattiv, b'tali mod li s-salarji tagħhom ma jkunux mittiefsa (ħlief permezz ta' tassazzjoni applikabbli b'mod ġenerali jew permezz ta' miżuri ta' tnaqqis ta' salarji applikabbli b'mod ġenerali u proporzjonat) matul il-mandat tagħhom. Huwa importanti wkoll li l-membri tal-ġudikatura jgawdu minn protezzjoni suffiċjenti kontra t-tkeċċija, sakemm ma jkunx hemm raġuni ġġustifikata, u s-sistema dixxiplinari tagħhom għandha tinkludi l-garanziji neċessarji sabiex jiġi evitat kull riskju li tintuża bħala sistema ta' kontroll politiku tal-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji.

95. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk dawn il-garanziji effettivament jeżistux.

## *D. Fuq it-tielet domanda*

96. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, fl-eventwalità li l-poter tal-Prim Ministru jitqies li huwa inkompatibbli mal-Artikolu 19(1) TUE u mal-Artikolu 47 tal-Karta, dan il-fatt għandux jittieħed inkunsiderazzjoni fir-rigward tal-ħatriet futuri jew jekk jaffettwax ukoll il-ħatriet preċedenti. Effettivament, din id-domanda tqajjem il-kwistjoni tal-limitazzjoni *ratione temporis* tal-effetti tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ li l-qorti tar-rinviju tikkonkludi, fi tmiem l-analiżi tagħha, li l-proċedura tal-ħatra tal-membri tal-ġudikatura inkwistjoni fil-kawża prinċipali tmur kontra l-Artikolu 19(1) TUE, kif interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza li ser tingħata.

97. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-interpretazzjoni li din tal-aħħar tagħti lil dispożizzjoni legali tal-Unjoni, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni mogħtija lilha mill-Artikolu 267 TFUE, tikkjarifika u tiddefinixxi t-tifsira u l-portata ta' din id-dispożizzjoni hekk kif għandha jew kellha tinftiehem u tiġi applikata sa mill-mument tad-dħul fis-seħħ tagħha. Minn dan isegwi li d-dispożizzjoni interpretata b'dan il-mod tista', u għandha, tiġi applikata mill-qrati anki fir-rigward ta' relazzjonijiet legali maħluqa u stabbiliti qabel is-sentenza li tagħti deċiżjoni dwar talba għal interpretazzjoni, bil-kundizzjoni li jkunu ssodisfatti wkoll il-kundizzjonijiet dwar it-tressiq ta' tilwima li tikkonċerna l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni quddiem il-qrati kompetenti[66].

98. Huwa biss f'każijiet pjuttost eċċezzjonali li l-Qorti tal-Ġustizzja jista' jkollha, b'applikazzjoni tal-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali li huwa inerenti għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, tillimita, għal kwalunkwe persuna kkonċernata, il-possibbiltà li tinvoka dispożizzjoni interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja bil-għan li ddaħħal inkwistjoni relazzjonijiet legali stabbiliti *in bona fide*. Sabiex tali limitazzjoni tkun tista' tiġi imposta, huwa meħtieġ li jkunu ssodisfatti żewġ kriterji essenzjali, jiġifieri li dawk ikkonċernati jkunu aġixxew *in bona fide* u li jkun hemm riskju ta' diffikultajiet serji[67].

99. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li limitazzjoni *ratione temporis* tal-effetti ta' tali interpretazzjoni tista' tiġi ammessa biss fl-istess sentenza li tagħti deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni mitluba[68]. F'dan id-dawl, għandu jiġi osservat li din il-kawża tittratta għall-ewwel darba l-kwistjoni ta' jekk proċedura nazzjonali ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura hijiex suġġetta għall-Artikolu 19(1) TUE u, fl-affermattiv, sa fejn hija hekk suġġetta.

66 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' April 2015, Manea (C-76/14, EU:C:2015:216, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tat-23 ta' April 2020, Herst (C-401/18, EU:C:2020:295, punt 54).

67 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' April 2015, Manea (C-76/14, EU:C:2015:216, punt 54), u tat-23 ta' April 2020, Herst (C-401/18, EU:C:2020:295, punt 56).

68 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Marzu 2007, Meilicke *et* (C-292/04, EU:C:2007:132, punt 36), u tat-23 ta' April 2020, Herst (C-401/18, EU:C:2020:295, punt 57).

100. Fir-rigward tal-kundizzjoni marbuta mal-*bona fide*, jistgħu jiġu enfasizzati tliet elementi. L-ewwel, din il-kawża x'aktarx ser tikkostitwixxi evoluzzjoni fl-interpretazzjoni tal-portata tal-Artikolu 19(1) TUE sa fejn tirrigwarda proċedura ta' ħatra ta' membri tal-ġudikatura, u dan fil-kuntest ta' ġurisprudenza relattivament reċenti, mibdija bis-sentenza tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses (C-64/16, EU:C:2018:117). It-tieni, is-sistema ta' ħatra fis-seħħ qabel ir-riforma tal-Kostituzzjoni fl-2016 kienet simili għal dik ikkontestata fil-kawża prinċipali, bl-eċċezzjoni tal-involviment tal-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura. Madankollu, sabiex saret Membru tal-Unjoni, Malta kellha neċessarjament tosserva l-valuri msemmija fl-Artikolu 2 TUE [69] u kellha tissodisfa l-"kriterji ta' Kopenħagen" adottati mill-Kunsill Ewropew tal-21 u tat-22 ta' Ġunju 1993 [70], li jimplika, bis-saħħa tal-kriterju politiku, eżami strett tal-osservanza tal-Istat tad-dritt u poter ġudizzjarju b'saħħtu, effettiv, indipendenti, imparzjali u responsabbli [71]. It-tielet, għalkemm fir-Rapport tal-Pajjiż ta' Malta 2019 [72] il-Kummissjoni, b'riferiment għall-Opinjoni Nru 940/2018 tal-Kummissjoni ta' Venezia, indikat li s-sistema ġudizzjarja Maltija qiegħda taffaċċja għadd ta' sfidi u li r-riformi reċenti għadhom ma żgurawx b'mod sħiħ l-indipendenza tal-ġudikatura [73], hija ma kkunsidratx li kien meħtieġ li tiftaħ proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra Malta fuq il-bażi tal-Artikolu 258 TFUE [74].

101. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, dawn iċ-ċirkustanzi jidhru li raġonevolment wasslu lill-awtoritajiet ikkonċernati f'Malta jqisu li l-proċedura kkontestata ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura kienet konformi mad-dritt tal-Unjoni [75].

102. Fir-rigward tar-riskju ta' diffikultajiet serji, għandu jingħad li, f'din is-sitwazzjoni, l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja f'din il-kawża tikkonċerna d-dritt għal rimedju effettiv u r-regolarità tal-kompożizzjoni tal-qrati nazzjonali.

103. F'dawn iċ-ċirkustanzi, huwa manifest li, jekk il-qorti tar-rinviju tikkonkludi, fuq il-bażi tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li l-proċedura ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura fis-seħħ f'Malta kienet kuntrarja għall-Artikolu 19(1) TUE, dan ser iwassal inevitabbilment għal tħassib serju fir-rigward taċ-ċertezza legali li jista' jaffettwa l-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja fl-intier tagħha. Fil-fatt, f'tali każ, dawn id-diffikultajiet ma jaffettwawx biss il-kapaċità tal-membri tal-ġudikatura li jaqtgħu l-kawżi pendenti iżda jkollhom impatt ukoll, kif indika ġustament il-Gvern Malti fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, fuq il-kapaċità tas-sistema ġudizzjarja li tiġġestixxi l-volum ta' kawżi pendenti b'lura li qiegħda taffaċċja Malta. Fl-aħħar nett, tali deċiżjoni x'aktarx taffettwa l-istatus ta' *res judicata* tal-kawżi ttrattati mill-qrati Maltin fil-passat. Madankollu, dan il-prinċipju ta' *res judicata* huwa ta' importanza partikolari, kemm fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u kemm fis-sistemi legali nazzjonali. Fil-fatt, sabiex jiġu

69 Artikolu 49 TUE.

70 Konklużjonijiet tal-Presidenza, il-Kunsill Ewropew f'Kopenħagen (21 u 22 ta' Ġunju 1993).

71 Ara, f'dan is-sens, Lazarova-Déchaux, G., "L'exigence de qualité de la justice dans la nouvelle stratégie d'élargissement de l'Union européenne", *Revue du droit public*, Nru 3, 2015, p. 729 sa 759, b'mod partikolari p. 731 u 737; Bobek, M., u Kosař, D., "Global Solutions, Local Damages: A Critical Study in Judicial Councils in Central and Eastern Europe", *German Law Journal*, Vol. 19, Nru 7, 2020, p. 1257 sa 1292, b'mod partikolari p. 1275. Ir-rekwiżit ta' "istituzzjonijiet demokratiċi u *awtoritajiet [...] ġudizzjarji indipendenti*" jidher b'mod ċar fl-"Aġenda 2000 – Vol. 1: Għal Unjoni iktar b'saħħitha u usa'" (COM (2000) 97 final) (ara l-p. 43 tal-verżjoni bl-Ingliż; enfasi miżjuda).

72 SWD(2019) 1017 final.

73 Ara, f'dan is-sens, it-Titolu 3.4.3, Il-kwalità tal-governanza/tal-istituzzjonijiet, p. 40.

74 Nosserva wkoll li, fil-kapitolu dwar Malta fir-Rapport tal-Kummissjoni tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt – Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni tiddikjara, fir-rigward tas-sistema ġudizzjarja f'Malta, li l-Gvern Malti kien issottometta sensiela ta' proposti għal riformi, inkluż fir-rigward tas-sistema tal-ħatriet ġudizzjarji, li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-indipendenza ġudizzjarja (Ir-Rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, Kapitolu għall-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt f'Malta (SWD (2020) 317 final, p. 2).

75 Ara, f'dan is-sens (dwar l-impatt tal-assenza ta' proċedura dwar ksur tad-dritt tal-Unjoni fl-evalwazzjoni tal-*bona fide* ta' Stat Membru), is-sentenza tat-8 ta' April 1976, Defrenne (43/75, EU:C:1976:56, punt 73).

żgurati kemm l-istabbiltà tal-liġi u tar-relazzjonijiet legali kif ukoll l-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, huwa importanti li d-deċiżjonijiet ġudizzjarji li jkunu saru finali wara l-eżawriment tar-rimedji legali kollha jew wara l-iskadenza tat-termini previsti f'dan ir-rigward ma jkunux jistgħu jerġgħu jiddaħħlu inkwistjoni[76].

104. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, jiena għalhekk tal-fehma li r-risposta għat-tielet domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju għandha tkun li l-proċedura ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura ma tistax tiddaħħal inkwistjoni taħt l-Artikolu 19(1) TUE, interpretat fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta, insostenn ta' talbiet imressqa qabel id-data tas-sentenza li ser tingħata.

## VI. Konklużjoni

105. Għaldaqstant, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi magħmula mill-Qorti Ċivili Prim'Awla - Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali (Malta):

(1) It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, huwa applikabbli meta qorti nazzjonali tkun qiegħda tevalwa l-validità ta' proċedura ta' ħatra ta' membri tal-ġudikatura bħal dik prevista fil-Kostituzzjoni ta' Malta.

(2) L-Artikolu 19(1) TUE, interpretat fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, ma jipprekludix dispożizzjonijiet kostituzzjonali nazzjonali li bis-saħħa tagħhom il-poter eżekuttiv jew wieħed mill-membri tiegħu, bħall-Prim Ministru, ikollu rwol fil-proċess ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura. Għalkemm ma huwiex, *ex ante*, preskrittiv, la fir-rigward tal-kundizzjonijiet partikolari tal-ħatra u lanqas fir-rigward tan-natura tal-garanziji partikolari li jgawdu l-membri tal-ġudikatura tal-Istati Membri, l-Artikolu 19(1) TUE, interpretat fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, xorta waħda jeżiġi, bħala minimu, li dawn il-membri tal-ġudikatura jgawdu minn garanziji ta' indipendenza. Dak li huwa importanti għall-finijiet tal-Artikolu 19 TUE huwa li l-membri tal-ġudikatura għandhom ikunu ħielsa minn kwalunkwe relazzjoni ta' subordinazzjoni jew kontroll ġerarkiku mill-poter eżekuttiv jew mill-poter leġiżlattiv. Il-membri tal-ġudikatura għandhom igawdu minn awtonomija finanzjarja fil-konfront tal-poter eżekuttiv u mill-poter leġiżlattiv, b'tali mod li s-salarji tagħhom ma jkunux mittiefsa (ħlief permezz ta' tassazzjoni applikabbli b'mod ġenerali jew permezz ta' miżuri ta' tnaqqis ta' salarji applikabbli b'mod ġenerali u proporzjonat) matul il-mandat tagħhom. Huwa importanti wkoll li l-membri tal-ġudikatura jgawdu minn protezzjoni suffiċjenti kontra t-tneħħija mill-kariga, sakemm ma jkunx hemm raġuni ġġustifikata, u s-sistema dixxiplinari tagħhom għandha tinkludi l-garanziji neċessarji sabiex jiġi evitat kull riskju li tintuża bħala sistema ta' kontroll politiku tal-kontenut tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji.

(3) Il-proċedura ta' ħatra tal-membri tal-ġudikatura ma tistax tiddaħħal inkwistjoni taħt l-Artikolu 19(1) TUE, interpretat fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, insostenn ta' talbiet imressqa qabel id-data tas-sentenza li ser tingħata.

76 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2015, Târșia (C-69/14, EU:C:2015:662, punt 28), u tal-24 ta' Ottubru 2018, XC *et* (C-234/17, EU:C:2018:853, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).